IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.11.2018
COM(2018) 809 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

L-Italja

Rapport imħejji skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

MT MT

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI
L-Italja

Rapport imħejji skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

1. INTRODUZZJONI

L-Artikolu 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistabbilixxi l-proċedura ta' deficit eċċessiv (PDE). Din il-proċedura hija speċifikata aktar fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv[1], li hija parti mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST). Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-Istati Membri taż-żona tal-euro fil-PDE huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 473/2013[2].

Skont l-Artikolu 126(2) TFUE, il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-konformità mad-dixxiplina baġitarja fuq il-bażi ta' żewġ kriterji, li huma: (a) jekk il-proporzjon tad-defiċit tal-gvern ippjanat jew attwali għall-prodott domestiku gross (PDG) ikunx jeċċedi l-punt ta' riferiment ta' 3 %; u (b) jekk il-proporzjon tad-dejn tal-gvern fir-rigward tal-PDG jaqbiżx il-punt ta' riferiment ta' 60 %, sakemm il-proporzjon ma jkunx qed jonqos b'mod suffiċjenti u jersaq lejn il-punt ta' riferiment b'pass sodisfaċenti).

L-Artikolu 126(3) TFUE jistipula li, jekk Stat Membru ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' wieħed mill-kriterji ta' hawn fuq jew tat-tnejn li huma, il-Kummissjoni jkollha tħejji rapport. Dan ir-rapport irid ukoll "*iqis jekk id-defiċit tal-gvern ikunx jeċċedi n-nefqa tal-gvern f'investiment u jqis il-fatturi kollha relevanti, inkluża l-pożizzjoni ekonomika u tal-estimi għall-futur medju tal-Istat Membru*".

Dan ir-rapport, li jirrappreżenta l-ewwel pass fil-PDE, janalizza l-konformità tal-Italja mal-kriterju tad-dejn tat-Trattat fl-2017, fir-rigward tal-kuntest ekonomiku u ta' fatturi rilevanti oħra. Fid-29 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni indirizzat ittra lill-awtoritajiet Taljani u ħabbret l-intenzjoni tagħha li tivvaluta mil-ġdid il-konformità tal-Italja mal-kriterju tad-dejn fil-ħarifa tal-2018, filwaqt li tqis it-tibdil materjali fil-fatturi rilevanti rrappreżentat mill-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tal-2019.

Fit-23 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ħarġet rapport skont l-Artikolu 126(3) TFUE[3], minħabba li fl-2017 l-Italja ma għamlitx biżżejjed progress biex tikkonforma mal-kriterju tad-dejn. Ir-rapport ikkonkluda li l-kriterju jenħtieġ jiġi kkunsidrat bħala ssodisfat f'dak iż-żmien, wara li kkunsidra b'mod partikulari il-konformità *ex-post* tal-Italja mal-parti preventiva fl-2017. Ir-rapport innota wkoll riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju rrakkomandat mill-Kunsill għall-2018, kemm abbażi tal-pjani tal-gvern kif ukoll tat-tbassir tar-rebbiegħa 2018 tal-Kummissjoni.

---

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6. Dan ir-rapport iqis ukoll "*L-ispeċifikazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir Ekonomiku u l-linji gwida dwar il-format u l-kontenut ta' programmi ta' stabbiltà u konverġenza*", adottati mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju fil-15 ta' Mejju 2017, disponibbli hawn: http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9344-2017-INIT/mt/pdf

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 11).

[3] Ir-Rapport tal-Kummissjoni COM(2018) 428 final tat-23.5.2018. ir-Rapport ta' Evalwazzjoni prodott skont l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

Madankollu, il-pjanijiet fiskali tal-Italja għall-2019 jirrappreżentaw bidla fatturi materjali rilevanti analizzati mill-Kummissjoni f'Mejju li għadda. B'mod partikolari, fis-16 ta' Ottubru l-Italja ressqet l-abbozz ta' pjan baġitarju għall-2019[4], li jwassal għal deterjorament tal-bilanċ strutturali (kkalkulat mill-ġdid) [5]ta' 0.9 % tal-PDG fl-2019. Fit-23 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni adottat Opinjoni[6] dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju tal-2019, li fiha identifikat nuqqas partikolarment serju ta' konformità mar-rakkomandazzjoni fiskali indirizzata lill-Italja mill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2018 u talbet lill-Italja biex tissottometti abbozz ta' pjan baġitarju rivedut. Fit-13 ta' Novembru 2018, l-Italja ppreżentat abbozz tal-pjan baġitarju rivedut tal-2019. It-tibdil fl-abbozz tal-pjan baġitarju rivedut tal-2019 kienu limitati ħafna, u kienu jikkonsistu l-aktar f'mira ogħla ta' privatizzazzjoni għall-2019 (1 % tal-PDG minflok 0.3 %). Fil-21 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni adottat l-Opinjoni tagħha dwar l-abbozz tal-pjan baġitarju rivedut tal-Italja għall-2019, li kienet tikkonferma nuqqas partikolarment serju ta' konformità mar-rakkomandazzjoni fiskali għall-2019. Dan jiġġustifika valutazzjoni ġdida ta' konformità mal-punt ta' riferiment tat-tnaqqis tad-dejn fl-2017.

Id-*data* nnotifikata mill-awtoritajiet f'Ottubru 2018[7], u sussegwentement ivvalidata mill-Eurostat[8] turi li id-defiċit tal-gvern ġenerali tal-Italja naqas għal 2.4 % tal-PGD fl-2017 (tnaqqis minn 2.5 % fl-2016), filwaqt li d-dejn stabbilizza ruħu għal 131.2 % tal-PGD (minn 131.4 % fl-2016), jiġifieri 'l fuq mill-punt ta' riferiment ta' 60 % tal-PGD. Għall-2018, l-abbozz tal-pjan baġitarju rivedut tal-Italja għall-2019 jipprojetta li l-proporzjon tad-dejn għall-PDG jonqos bi ftit għal 130.9 %. Fl-2019, huwa jipprojetta tnaqqis ulterjuri (ta' 1,7 punti perċentwali) fil-proporzjon tad-dejn għall-PDG għal 129.2 %. Abbażi tad-*data* notifikata u t-tbassir tal-ħarifa 2018 tal-Kummissjoni, l-Italja ma kinitx konformi mal-punt ta' riferiment għat-tnaqqis tad-dejn kemm fl-2016 (distakk ta' 5,2 % tal-PDG) kif ukoll fl-2017 (distakk ta' 6,6 % tal-PDG) (ara t-Tabella 1).

B'mod ġenerali, in-nuqqas tal-Italja li tikkonforma mal-punt ta' riferiment tat-tnaqqis tad-dejn fl-2017 jipprovdi evidenza *prima facie* tal-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fis-sens tal-PST qabel, madankollu, ma jitqiesu l-fatturi kollha kif stabbilit hawn taħt. Barra minn hekk, abbażi tal-pjanijiet tal-Gvern u kif ukoll tat-tbassir tal-ħarifa 2018 tal-Kummissjoni, l-Italja mhijiex mistennija li tikkonforma mal-punt ta' riferiment tad-dejn la fl-2018 (distakk ta' 3,7 % u 6,6 % tal-PDG, rispettivament) u lanqas fl-2019 (distakk ta' 3,6 % u 6,7 % tal-PDG rispettivament).

Il-Kummissjoni għalhekk ħejjiet dan ir-rapport biex tivvaluta b'mod komprensiv it-tbegħid mill-punt ta' riferiment tat-tnaqqis tad-dejn u teżamina jekk it-tnedija ta' proċedura ta' defiċit eċċessiv hijiex ġustifikata wara li jkunu ġew ikkunsidrati l-fatturi rilevanti kollha. It-Taqsima 2 tar-rapport teżamina l-kriterju tad-defiċit. It-Taqsima 3 teżamina l-kriterju tad-dejn. It-Taqsima 4 tittratta l-investiment pubbliku u fatturi rilevanti oħra, inkluża l-

[4] https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/economy-finance/2019_dbp_it_en_1.pdf

[5] Il-bilanċ nett aġġustat ċiklikament ta' miżuri ta' darba u temporanji, ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni b'metodoloġija miftiehma b'mod komuni.

[6] L-Opinjoni tal-Kummissjoni C (2018) 7510 final, 23.10.2018, dwar l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-Italja u li titlob lill-Italja biex tissottometti verżjoni riveduta tal-Abbozz ta' Pjan Baġitarju.

[7] Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009, l-Istati Membri jridu jirrappurtaw lill-Kummissjoni, darbtejn fis-sena, il-livelli ppjanati u attwali tagħhom tad-defiċit u d-dejn tal-gvern. L-aktar notifika riċenti tal-Italja tinsab hawn: http://ec.europa.eu/eurostat/web/government-finance-statistics/excessive-deficit-procedure/edp-notification-tables

[8] Stqarrija għall-Istampa mill-Eurostat Nru 163/2018 tat-22 ta' Ottubru 2018, disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/eurostat/documents/2995521/9328077/2-22102018-AP-EN.pdf/e1b423ef-a337-42ea-90cb-4a6775ba4c07

valutazzjoni ta' konformità mal-aġġustament meħtieġ għall-objettiv baġitarju ta' terminu medju (OTM). Ir-rapport iqis it-tbassir tar-rebbiegħa 2013 tal-Kummissjoni, ippubblikat fit-8 ta' Novembru 2018. It-tbassir tal-Kummissjoni huwa bbażat fuq l-abbozz ta' pjan baġitarju tal-2019 u mhux fuq dak rivedut, iżda t-tibdil bejn iż-żewġ dokumenti huwa marġinali.

Tabella 1: Id-defiċit u d-dejn tal-amministrazzjoni pubblika (% tal-PDG) [a]

		2015	2016	2017	2018		2019	
					KUMM	APB	KUMM	APB
Kriterju tad-defiċit	Bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika	-2.6	-2.5	-2.4	-1.9	-1.8	-2.9	-2.4
Kriterju tad-defiċit	Dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika	131.6	131.4	131.2	131.1	130.9	131.0	129.2
	Distakk mill-punt ta' riferiment tat-tnaqqis tad-dejn	n.r.	5.2	6.6	6.6	3.7	6.7	3.6
	Tibdil fil-bilanċ strutturali	0.1	-0.7	-0.3	0.0	0.2	-1.2	-0.9
	MLSA meħtieġ	3.4	m.r.	m.r	m.r.	m.r.	m.r.	m.r.

Noti:

[a] F'perċentwal tal-PDG sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor; "m.r." tindika "mhux rilevanti"

Sors: Servizzi tal-Kummissjoni, l-APB rivedut tal-Italja għall-2019 u t-tbassir tal-ħarifa 2018 tal-Kummissjoni

2. KRITERJU TAD-DEFIĊIT

L-Italja għamlet sforz fiskali mdaqqas bejn l-2010 u l-2013, u dan żied il-bilanċ pożittiv primarju għal aktar minn 2 % tal-PDG u b'hekk ħarġet mill-proċedura ta' defiċit eċċessiv fl-2013 billi żammet id-defiċit nominali tagħha f'livell mhux ogħla minn 3 % tal-PDG fl-2012 (tnaqqis minn aktar minn 5 % fl-2009). Madankollu, il-qagħda fiskali ttaffiet f'dawn l-aħħar snin. Fl-2017, il-bilanċ primarju naqas għal 1,4 % u d-defiċit nominali stabbilxxa ruħu għal madwar 2,4 % tal-PDG. Madankollu, it-tnejn li huma mistennija jitjiebu fl-2018. Fl-2019 u l-2020, kemm il-bilanċ nominali kif ukoll dak primarju huma mistennija jiddeterjoraw sostanzjalment, l-aktar minħabba l-miżuri inklużi fl-abbozz tal-pjan baġitarju tal-2019 u kkonfermati fl-abbozz tal-pjan baġitarju rivedut tal-2019.

Id-defiċit tal-gvern ġenerali tal-Italja kien rapportat li kien 2,4 % tal-PDG fl-2017. Skont l-abbozz tal-pjan baġitarju rivedut kif ukoll skont it-tbassir tal-ħarifa 2018 tal-Kummissjoni, huwa previst li se tirrispetta l-punt ta' riferiment tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG matul il-perjodu 2018–2019. Madankollu, skont it-tbassir tal-Kummissjoni l-punt ta' riferiment se jinqabeż fl-2020, bis-suppożizzjoni tal-ebda tibdil fil-politika. L-abbozz tal-pjan baġitarju rivedut tal-2019 jipprojetta defiċit tal-gvern ġenerali ta' 1,8 % tal-PDG fl-2018 u 2,4 % fl-2019. In-*Nota di Aggiornamento al DEF* tal-Italja, li taġġorna l-miri baġitarji tal-Programm ta' Stabbiltà tal-Italja għall-2018, jipprojetta li d-defiċit nominali se jonqos għal 2,1 % tal-PDG fl-2020. Iż-żieda fid-defiċit ġenerali tal-gvern ipprojettata għall-2019 tirriżulta l-aktar mill-miżuri baġitarji ppjanati previsti fl-abbozz tal-pjan baġitarju tal-2019, b'impatt nett ta' żieda fid-defiċit ta' madwar 1,2 % tal-PGD fil-previżjonijiet tal-gvern. It-tnaqqis fid-defiċit tal-gvern ġenerali pprojettat fl-2020 huwa dovut l-aktar għall-impatt (madwar 0,7 % tal-PDG) ta' rati ogħla tal-VAT illeġiżlati għall-2020 bħala klawsola ta' salvagwardja. It-tbassir tal-ħarifa 2018 tal-Kummissjoni jipprojetta li d-defiċit tal-gvern ġenerali tal-Italja se jkun ta' 1,9 % tal-PDG fl-2018 u li jiżdied għal 2,9 % fl-2019. Id-defiċit imbassar mill-Kummissjoni għall-

2018 huwa kemxejn ogħla minn dak previst fl-abbozz tal-pjan baġitarju rivedut tal-2019, u din id-differenza hija prinċipalment spjegata minn suppożizzjonijiet aktar prudenti dwar id-daqs tal-infiq pubbliku, inkluż l-infiq fuq l-imgħax. Id-defiċit imbassar mill-Kummissjoni għall-2019 huwa wkoll ogħla minn dak ipprojettat mill-abbozz tal-pjan baġitarju rivedut tal-2019, u din id-differenza hija prinċipalment minħabba tnaqqis fit-tkabbir tal-PDG u nefqa fuq l-imgħax ogħla minn dik fil-projezzjonijiet tal-gvern. It-tbassir tal-ħarifa 2018 tal-Kummissjoni jipprojetta li d-defiċit tal-gvern ġenerali tal-Italja se jilħaq it-3,1 % tal-PDG fl-2020, bis-suppożizzjoni ta' ebda bidla fil-politika. Id-defiċit ogħla mbassar mill-Kummissjoni għall-2020 meta mqabbel mal-projezzjonijiet tal-gvern huwa prinċipalment spjegat mill-fatt li l-Kummissjoni ma tinkludix rati ogħla ta' VAT leġiżlati għall-2020 bħala klawżola ta' salvagwardja, filwaqt li l-elementi l-oħra huma tkabbir nominali tal-PGD aktar baxx u nfiq ogħla fuq l-imgħax.

Għalhekk, l-Italja bħalissa hija konformi mal-kriterju tad-defiċit kif iddefinit fit-Trattat u fir-Regolament (KE) Nru 1467/97, għalkemm hemm riskju li l-kriterju tad-defiċit mhux se ssodisfat fl-2020 skont it-tbassir tal-ħarifa 2018 tal-Kummissjoni, bis-suppożizzjoni tal-ebda tibdil fil-politika.

3. Kriterju tad-dejn

Wara li kiber b'ħames punti perċentwali fis-sena bħala medja matul ir-reċessjoni doppja ta' 2008-2013, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern Taljan għall-PDG kompla jiżdied fl-2014-2015 b'ritmu aktar kajman ta' punt perċentwali fis-sena bħala medja, qabel ma laħaq massimu ta' 131,4 % fl-2016 u naqas bi ftit għal 131,2 % fl-2017. Abbażi tal-abbozz tal-pjan baġitarju rivedut tal-2019, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG huwa mistenni jonqos progressivament għal 130,9 % fl-2018, 129,2 % fl-2019 u 127,3 % fl-2020. It-tbassir tal-Kummissjoni jipprojetta li l-proporzjon tad-dejn jibqa' stabbli f'madwar 131 % matul l-2018-2020. Sal-2018, kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli – għalkemm sejrin għall-agħar – ikkontribwixxew biex jirfdu l-irkupru ekonomiku u jnaqqsu l-effett valanga. Minn hemm 'il quddiem, iż-żieda fl-ispejjeż finanzjarji, it-tnaqqis fil-bilanċ pożittiv primarju u d-dħul inqas minn dak immirat mill-privatizzazzjoni mistennija li jtellfu t-tnaqqis tad-dejn. Filwaqt li r-riskji tar-rifinanzjament tad-dejn huma limitati fuq terminu qasir, id-dejn pubbliku għoli jibqa' sors importanti ta' vulnerabbiltà għall-ekonomija Taljana.

Wara l-abrogazzjoni tal-PDE f'Ġunju 2013, l-Italja kienet soġġetta għal perjodu ta' tranżizzjoni ta' tliet snin biex tikkonforma mal-punt ta' riferiment għat-tnaqqis tad-dejn, li beda fl-2013 u ntemm fl-2015. Wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, il-parametru referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn sar applikabbli fl-2016. Abbażi tad-dejta notifikata u tat-tbassir tal-Kummissjoni, id-distakk għall-punt ta' riferiment tad-dejn kien jammonta għal 5,2 % tal-PDG fl-2016 u għal 6,6 % fl-2017. Barra minn hekk, abbażi tal-abbozz tal-pjan baġitarju rivedut tal-2019, mhuwiex previst li l-Italja se tikkonforma mal-punt ta' riferiment tad-dejn la fl-2018 (differenza għall-punt ta' riferiment tad-dejn ta' 3,7 % tal-PDG) u lanqas fl-2019 (differenza għall-punt ta' riferiment tad-dejn ta' 3,6 % tal-PDG). Din il-konklużjoni hija kkonfermata abbażi tat-tbassir tal-Kummissjoni (differenza għall-punt ta' riferiment tad-dejn ta' 6,6 % u 6,7 % tal-PDG fl-2018 u fl-2019 rispettivament).

B'mod aktar speċifiku, il-proporzjon tad-dejn mal-PDG laħaq 131,2 % fl-2017, jiġifieri 0,2 punti perċentwali aktar baxx mill-2016. It-tnaqqis kien limitat sa ċertu punt minħabba l-effett

"valanga" ta' żieda fid-dejn li għadu għaddej, bħala l-ispiża impliċita reali tad-dejn,[9] filwaqt li t-tnaqqis gradwali (għal 2,4 %, minn 2,7 % fl-2013), baqa' ogħla mit-tkabbir reali tal-PDG (1,6 %). Fil-fatt, ir-rati ta' imgħax spot reali fuq titoli ġodda tal-gvern, li fl-2015-2017 kienu madwar żero, ġew riflessi biss gradwalment fil-kost għall-ħlas tad-dejn pendenti, minħabba t-tul ta' żmien tal-perjodu kontra l-qlib tad-dejn Taljan u flimkien ma' inflazzjoni baxxa (t-tkabbir tad-deflatur tal-PDG ta' 0,6 %) – ara wkoll it-Tabella 2 u l-Graff 1. Id-differenzjal bejn ir-rata pożittiva tal-imgħax u r-rata ta' tkabbir (0,9 punti perċentwali, meta mqabbla ma' 0,8 fl-2016) kien jimplika impatt ta' żieda fid-dejn li kien għadu kbir minħabba l-"effett valanga" (1,1 % tal-PDG, meta mqabbel ma' 1,0 % fl-2016 – ara t-Tabella 2). Min-naħa l-oħra, bilanċ pożittiv primarju ġeneralment stabbli ta' 1,4 % tal-PDG għen biex jitrażżnu d-dinamiċi tad-dejn fl-2017. L-aġġustament bejn il-fondi u l-flussi żied kemxejn id-dejn fl-2017 (0,2 %), l-aktar minħabba l-appoġġ lis-settur bankarju[10], parzjalment ikkumpensat mit-tnaqqis fir-riżerva ta' likwidità, filwaqt li ma kien hemm l-ebda dħul mill-privatizzazzjoni[11].

Fl-2018, l-abbozz tal-pjan baġitarju rivedut tal2019 jipprojetta li l-proporzjon tad-dejn għall-PDG jonqos għal 130,9 %, bi tnaqqis ta' 0,3 punti perċentwali mil-livell tal-2017. Id-dinamiki previsti huma prinċipalment ir-riżultat ta' tnaqqis fl-effett "valanga" minkejja li għadu jżid id-dejn (0,5 % tal-PDG),[12] u ftit titjib fil-bilanċ favorevoli primarju (sa 1,8 % tal-PDG) li aktar milli kkumpensa l-aġġustament ta' żieda fid-dejn bejn il-fondi u l-flussi (1,0 % tal-PDG). Il-Kummissjoni tbassar li l-proporzjon tad-dejn jonqos għal 131,1 % tal-PDG fl-2018, kemxejn ogħla mill-abbozz tal-pjan baġitarju rivedut tal-2019. Id-differenza hija dovuta għal tnaqqis kemxejn iżgħar tas-surplus primarju previst u effett "valanga" ogħla, relatati ma' projezzjonijiet marġinalment ogħla għall-kost impliċitu reali tad-dejn.

Għall-2019, l-abbozz tal-pjan baġitarju rivedut tal-2019 jipprojetta tnaqqis kbir fil-proporzjon tad-dejn għall-PDG b'1,7 punti perċentwali għal 129,2 %. Dan tal-aħħar huwa l-aktar minħabba aġġustament fil-fluss tal-istokk li jnaqqas id-dejn (-0.1 % tal-PDG), li jista' jiġi spjegat l-aktar permezz tad-dħul mill-privatizzazzjoni kbir ippjanat mill-gvern (1 % tal-PDG), u effett "valanga" li jnaqqas id-dejn marġinalment, spjegat minn żieda qawwija pprojettata fit-tkabbir nominali meta mqabbel mal-2018, li mistenni li jpaċi s-surplus primarju li qed jonqos (1,2 % tal-PDG). Il-Kummissjoni tbassar li l-proporzjon tad-dejn meta mqabbel mal-PDG jibqa' ġeneralment stabbli fl-2019, fil-livell ta' 131,0 %. Id-differenza hija relatata ma' projezzjonijiet pjuttost aktar baxxi fit-tkabbir nominali u tbassir ogħla fin-nefqa tal-imgħax, li huwa rifless f'effett "valanga" li jżid id-dejn li għadu imdaqqas, kif ukoll f'surplus primarju aktar baxx previst (1 % tal-PDG) u dħul mill-privatizzazzjoni aktar baxx. Ir-riskji għall-projezzjonijiet tad-dejn f'kemm it-tbassir tal-Kummissjoni kif ukoll fl-abbozz tal-pjan baġitarju rivedut tal-2019 huma relatati ma' prospettiva ta' tkabbir agħar milli

[9] Il-kost tad-dejn impliċitu reali fil-perjodu *t* jista' jiġi ddefinit bħala r-rendita nominali mħallsa mill-gvern biex jitħallas id-dejn pendenti fil-perjodu *t-1*, nett mill-impatt tal-inflazzjoni fil-perjodu *t*. Fit-Tabella 2. it-tibdil annwali fil-proporzjon tad-dejn għall-PDG minħabba l-kost tad-dejn impliċitu reali jista' jinkiseb billi jiżdiedu l-kontribuzzjonijiet rispettivi min-nefqa tal-imgħax (li żżid id-dejn) u d-deflatur tal-PDG (li jnaqqas id-dejn).

[10] Fil-fatt, abbażi tad-*data* notifikata, l-operazzjonijiet ta' salvataġġ tal-banek relatati mal-Banca Monte Paschi u taż-żewġ Banek Venezjani kellhom impatt fuq id-dejn bi kważi 1 % tal-PDG u fuq id-defiċit bi kważi 0,4 % tal-PDG.

[11] Tranżazzjonijiet minuri oħra li kellhom impatt fuq l-aġġustament bejn il-fondi u l-flussi mhumiex rapportati. Ara wkoll *Rapporto sul Debito Pubblico 2017* (ir-Rapport dwar id-Dejn Pubbliku għall-2017) tal-Ministeru tal-Ekonomija u l-Finanzi Taljan, fuq: http://www.dt.tesoro.it/export/sites/sitodt/modules/documenti_it/debito_pubblico/presentazioni_studi_relazioni/Rapporto_sul_Debito_Pubblico_2017.pdf

[12] B'mod partikolari, l-effett "valanga" huwa mnaqqas minħabba inflazzjoni ħafna ogħla u nfiq marġinalment aktar baxx fuq l-imgħax.

mistenni, deterjorament akbar fil-bilanċ primarju, dħul aktar baxx mill-inflazzjoni jew mill-privatizzazzjoni, u nfiq tal-imgħax ogħla milli mistenni.

Il-Kummissjoni tbassar li l-proporzjon tad-dejn meta mqabbel mal-PDG jibqa' ġeneralment stabbli anki fl-2020, peress li surplus primarju qed ikompli jiddeterjora, u nfiq dejjem akbar fuq l-imgħax huma mistennija li jpaċu t-tkabbir nominali tal-PGD.

Kif muri fil-Graff 1, it-tnaqqis gradwali fl-ispejjeż impliċiti reali għall-ħlas tad-dejn (*linja sewda miksura*) u l-irkupru fit-tkabbir tal-PDG reali (*linja blu kontinwa*) kienu jimplikaw sal-2016 it-tnaqqis progressiv tad-differenzjal tagħhom (*skurat bl-isfar*), li huwa mistenni li jibqa' ġeneralment stabbli matul il-perjodu 2018-2019, u li jiżdied bi ftit fl-2020 minħabba ż-żieda reali impliċita fl-ispiża tad-dejn. B'mod ġenerali, l-effett "valanga" li jżid id-dejn naqas fl-2017 għal 1,1 % tal-PDG, li jikkompara ma' medja ta' qabel il-kriżi ta' 1,2 % matul l-2000-2007. Għalhekk, l-effett "valanga" joffri biss spjegazzjoni parzjali għan-nuqqas ta' konformità tal-Italja mal-punt ta' riferiment tat-tnaqqis tad-dejn fl-2017 u fis-snin li ġejjin.

B'mod ġenerali, din l-analiżi għalhekk tissuġġerixxi li l-kriterju tad-dejn *prima facie* għall-finijiet tat-Trattat u tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 mhuwiex issodisfat, la abbażi tal-abbozz tal-pjan baġitarju rivedut tal-2019 u lanqas għat-tbassir tal-Kummissjoni, qabel ma jiġu kkunsidrati l-fatturi rilevanti kollha kif stabbiliti hawn taħt.

Tabella 2: Dinamiċi tad-dejn [a]

	2015	2016	2017	2018		2019	
				KUMM	APB	KUMM	APB
Proporzjon tad-dejn gross tal-gvern	131.6	131.4	131.2	131.1	130.9	131.0	129.2
Tibdil fil-proporzjon tad-dejn [b] (1 = 2+3+4)	-0.2	-0.2	-0.1	-0.1	-0.3	-0.1	-1.7
Kontribuzzjonijiet:							
• Bilanċ primarju (2)	-1.5	-1.4	-1.4	-1.7	-1.8	-1.0	-1.2
• Effett "Valanga" (3)	1.7	1.0	1.1	0.6	0.5	0.7	-0.3
li minnu:							
Infiq fuq l-imgħax	*4.1*	*3.9*	*3.8*	*3.7*	*3.6*	*3.8*	*3.6*
Tkabbir tal-PDG reali	*-1.2*	*-1.5*	*-2.0*	*-1.5*	*-1.5*	*-1.5*	*-1.9*
Inflazzjoni (deflatur tal-PDG)	*-1.2*	*-1.4*	*-0.6*	*-1.6*	*-1.6*	*-1.7*	*-2.0*
• Aġġustament bejn il-fondi u l-flussi (4)	-0.4	0.2	0.2	1.1	1.0	0.2	-0.1
li minnu:							
Differenza kontanti/dovuti	*0.3*	*-0.8*	*1.3*	*0.7*	*0.5*	*0.5*	*0.5*
Akkumulazzjoni netta tal-assi finanzjarji	*-0.7*	*1.0*	*-1.2*	*0.4*	*0.0*	*-0.3*	*-0.7*
li minnha rikavati mill-privatizzazzjoni	*-0.4*	*-0.1*			*-0.3*	*-0.2*	*-1.0*
Effett tal-valutazzjoni u reżidwu	*0.0*	*0.0*	*0.0*	*0.0*	*0.5*	*0.0*	*0.1*

Noti:

[a] F'perċentwali tal-PDG sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor

[b] It-tibdil fil-proporzjon tad-dejn gross jista' jiġi dekompost kif ġej:

$$\frac{D_t}{Y_t} - \frac{D_{t-1}}{Y_{t-1}} = \frac{PD_t}{Y_t} + \left(\frac{D_{t-1}}{Y_{t-1}} * \frac{i_t - y_t}{1 + y_t} \right) + \frac{SF_t}{Y_t}$$

fejn t tindika ż-żmien; *D, PD, Y* u *SF* huma l-istokk tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika, id-defiċit primarju, il-PDG nominali u l-aġġustament bejn il-fondi u l-flussi rispettivament, u i u y jirrappreżentaw il-kost medju tad-dejn u t-tkabbir nominali tal-PDG. It-terminu fil-parentesi jirrappreżenta l-effett "valanga", li jkejjel l-effett ikkombinat tan-nefqa fuq l-imgħax u tat-tkabbir ekonomiku fuq il-proporzjon tad-dejn.

Sors *: Servizzi tal-Kummissjoni, l-APB tal-Italja għall-2019 u t-tbassir tal-ħarifa 2018 tal-Kummissjoni*

Graff 1: Fatturi tal-"effett valanga" fuq id-dejn tal-amministrazzjoni pubblika



Sors: Tbassir tal-ħarifa 2018 tal-Kummissjoni

4. FATTURI RILEVANTI

L-Artikolu 126(3) TFUE jistipula li r-rapport tal-Kummissjoni "*għandu jqis ukoll jekk id-dejn tal-gvern jeċċedix in-nefqa tal-gvern f'investiment u jqis il-fatturi l-oħra kollha rilevanti, inkluża l-pożizzjoni ekonomika u baġitarja għat-terminu medju tal-Istat Membru*". Dawn il-fatturi huma ċċarati aktar fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97, li jistipula wkoll li "*kwalunkwe fattur ieħor li, fl-opinjoni tal-Istat Membru kkonċernat huwa rilevanti sabiex tkun ivvalutata b'mod komprensiv il-konformità mal-kriterji tad-defiċit u d-dejn u li l-Istat Membru ressaq quddiem il-Kunsill u l-Kummissjoni*" jeħtieġ li jingħataw il-kunsiderazzjoni dovuta.

F'każ ta' ksur apparenti tal-kriterju tad-dejn, l-analiżi tal-fatturi rilevanti hija partikolarment meħtieġa, peress li d-dinamiċi tad-dejn huma sa ċertu punt influwenzati minn fatturi lil hinn mill-kontroll tal-gvern milli fil-każ ta' defiċit. Dan huwa rikonoxxut fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, li jistipula li l-fatturi rilevanti għandhom jiġu kkunsidrati meta tiġi vvalutata l-konformità abbażi tal-kriterju tad-dejn irrispettivament mid-daqs ksur. F'dan ir-rigward, mill-inqas it-tliet aspetti ewlenin li ġejjin jeħtieġ li jiġu kkunsidrati (u ġew ikkunsidrati fil-passat)[13] meta tiġi vvalutata l-konformità mal-kriterju tad-dejn minħabba l-impatt tagħhom fuq id-dinamiċi tad-dejn u s-sostenibbiltà:

1. l-aderenza mal-OTM jew mal-pjan ta' aġġustament lejh, li suppost tiżgura s-sostenibbiltà jew il-progress rapidu lejn is-sostenibbiltà f'ċirkostanzi makroekonomiċi normali. Billi fil-kostruzzjoni l-OTM speċifiku għall-pajjiż iqis il-livell tad-dejn u l-obbligazzjonijiet impliċiti, tal-konformità mal-MTO jew il-pjan ta' aġġustament lejh jenħtieġ li jiżguraw konverġenza tal-proporzjonijiet ta' dejn lejn livelli prudenti għall-inqas fuq terminu medju;

[13] Ara 126 (3) Rapporti COM (2015) 113 final, 27.2.2015; COM(2016) 305 finali, 18.5.2016; kif ukoll COM(2018) 428 final, 23.5.2018.

2. riformi strutturali, li diġà ġew implimentati jew dettaljata fi pjan ta' riforma strutturali, li huma mistennija li jtejbu s-sostenibbiltà fuq medda medja ta' żmien permezz tal-impatt tagħhom fuq it-tkabbir, u b'hekk jikkontribwixxu biex il-proporzjon tad-dejn mal-PDG jinġieb fuq perkors ta' tnaqqis sodisfaċenti. B'mod ġenerali, l-aderenza mal-OTM (jew il-pjan ta' aġġustament lejh), flimkien ma' l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali (fil-kuntest tas-Semestru Ewropew), hija mistennija li taħt kundizzjonijiet ekonomiċi normali tqiegħed id-dinamiċi tad-dejn fuq perkors sostenibbli permezz tal-impatt ikkombinat fuq il-livell tad-dejn innifsu (permezz tal-ksib ta' pożizzjoni baġitarja soda fl-OTM) u fuq it-tkabbir ekonomiku (permezz tar-riformi);
3. kundizzjonijiet makroekonomiċi mhux favorevoli u, b'mod partikolari, inflazzjoni baxxa, li jistgħu jxekklu t-tnaqqis fil-proporzjon tad-dejn mal-PDG u jrendu l-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-PST partikolarment eżiġenti. Ambjent ta' inflazzjoni baxxa jagħmilha aktar eżiġenti għal Stat Membru li jkun konformi mal-punt ta' riferiment tat-tnaqqis tad-dejn. Taħt dawn il-kundizzjonijiet, l-aderenza mal-MTO jew mal-pjan ta' aġġustament lejh hija fattur rilevanti ewlieni meta tiġi vvalutata l-konformità mal-kriterju tad-dejn.

Fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet, subtaqsimiet li ġejjin iqisu: (1) il-pożizzjoni ekonomika fit-terminu medju, inkluża s-sitwazzjoni attwali f'termini ta' implimentazzjoni ta' riformi strutturali; (2) il-pożizzjoni baġitarja fit-terminu medju, inkluża valutazzjoni tal-konformità mal-aġġustament meħtieġ lejn l-OTM u tal-investiment pubbliku; (3) l-iżviluppi fil-pożizzjoni tad-dejn tal-gvern fit-terminu medju, inklużi l-prospetti ta' sostenibbiltà tagħha; (4) fatturi oħra li l-Kummissjoni tqis rilevanti; kif ukoll (5) fatturi oħra ppreżentati mill-Istat Membru.

4.1. Il-pożizzjoni ekonomika fit-terminu medju

Ma jistax jiġi argumentat li l-kundizzjonijiet makroekonomiċi, bi tkabbir nominali tal-PDG ogħla minn 2 % sa mill-2016 minkejja riskji negattivi intensifikati ta' dan l-aħħar, huma fattur mitiganti biex jiġu spjegati l-lakuni kbar tal-Italja fil-konformità mal-parametru referenzjarju għall-futur għat-tnaqqis tad-dejn. Min-naħa l-oħra, it-tkabbir baxx tal-produttività għadu jillimita l-potenzjal ta' tkabbir tal-Italja u jfixkel tnaqqis aktar rapidu tal-proporzjon tad-dejn. Filwaqt li l-Italja għamlet xi progress biex tindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2017 (CSRs), il-miżuri inklużi fl-abbozz tal-pjan baġitarju rivedut tal-2019 jindikaw rigressjoni fuq l-progress li sar fl-imgħoddi kif ukoll rigward l-aspetti fiskali strutturali tar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Italja mill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2018.

Kundizzjonijiet ċikliċi, it-tkabbir potenzjali u l-inflazzjoni

It-tkabbir tal-prodott domestiku gross fi prezzijiet kostanti tal-Italja laħaq 1,6 % fl-2017. Kemm l-abbozz tal-pjan baġitarju rivedut tal-2019 kif ukoll it-tbassir tal-Kummissjoni jistennew li dan jittaffa fl-2018 (1,2 % u 1,1 % rispettivament). Fl-2019, l-abbozz tal-pjan baġitarju rivedut tal-2019 jistenna li l-PDG fi prezzijiet kostanti jaċċellera għal 1,5 %, filwaqt li l-Kummissjoni tipprojetta rkupru aktar kajman, kemm fl-2019 (1,2 %) kif ukoll fl-2020 (1,3 %). Huwa stmat li t-tkabbir potenzjali finalment dar għall-pożittiv fl-2017, f'livell ta' 0,3 %, (żieda minn -0,2 % fl-2016) u mistenni jkompli jitjieb fl-2018-2020, filwaqt li jibqa' f'livelli baxxi ħafna. Bħala riżultat, il-Kummissjoni tipprevedi li l-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni negattiv tal-Italja jonqos rapidament, minn -3,6 % tal-PDG potenzjali fl-2015

għal -0,3 % fl-2018, qabel ma jerġa' jkun pożittiv fl-2019 (0,3 %) u jkompli jiżdied fl-2020 (sa 0,8 %).

Minkejja l-progress miksub tal-passat f'oqsma importanti tar-riforma (pereżempju s-suq tax-xogħol u r-riformi fl-amministrazzjoni pubblika, il-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa, t-tiswija tal-karta tal-bilanċ tal-banek), il-legat tal-kriżi u d-dgħufijiet strutturali li baqa' qed ikomplu jiweżnu fuq it-tkabbir potenzjali tal-Italja[14]. Il-PDG tal-Italja għadu taħt il-livell ta' qabel il-kriżi u għadu ma kibirx meta mqabbel ma' 15-il sena ilu, filwaqt li t-tkabbir annwali laħaq medja ta' 1,2 % fil-bqija taż-żona tal-euro. Dan huwa wkoll spjegat minn fatturi strutturali li jxekklu l-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi u li jikkostitwixxu reżistenza għall-produttività. Is-sehem kbir li jokkupaw il-pensjonijiet tal-irtirar u l-ispejjeż marbutin mal-ħlas tad-dejn fl-infiq pubbliku ġenerali fl-Italja ixekklu l-partiti ta' infiq li jsaħħu t-tkabbir bħall-edukazzjoni u l-infrastruttura. Il-piż għoli tat-taxxa fuq il-fatturi tal-produzzjoni u konformità mat-taxxa li għadha baxxa jkomplu żżomm lura t-tkabbir ekonomiku. It-tkabbir fl-impjiegi kien appoġġat minn riformi fis-suq tax-xogħol u inċentivi ta' reklutaġġ, iżda kien l-aktar xprunat minn kuntratti temporanji, filwaqt li għad hemm livell għoli ta' qgħad fit-tul u qgħad fost iż-żgħażagħ huma ta' piż fuq il-prospetti tat-tkabbir ekonomiku futur. L-ambjent tan-negozju għadu jxekkel l-imprenditorija, inkluż minħabba punti dgħajfa fl-amministrazzjoni pubblika u proċedimenti tal-ġustizzja ċivili u kriminali twal ħafna. Fl-aħħar nett, l-investiment, b'mod partikolari f'assi intanġibbli, għadu baxx. F'dan il-kuntest, huwa importanti li l-Italja tkompli bl-isforz ta' riforma sabiex ittejjeb il-prospetti ta' tkabbir ta' terminu medju u ssaħħaħ is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tal-pajjiż.

Wara li baqgħet madwar 0 % fl-2015 u fl-2016, l-aktar minħabba domanda aggregata baxxa, pressjonijiet limitati tal-pagi u tnaqqis fil-prezzijiet tal-enerġija, l-inflazzjoni nominali tal-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet tal-Konsumatur (Harmonised Index of Consumer Price - HICP) żdiedet fl-2017 għal 1,3 %, xprunata l-aktar minn prezzijiet ogħla tal-enerġija. Abbażi tat-tbassir tal-Kummissjoni, huwa mistenni li tibqa' stabbli f'1,3 % fl-2018 u li tkompli tiżdied għal 1,5 % fl-2019, xprunata l-aktar minn prezzijiet ogħla taż-żejt, qabel timmodera ftit għal 1,4 % fl-2020. L-inflazzjoni bażi hija wkoll mistennija li togħla gradwalment matul is-snin li ġejjin – f'konformità ma' tkabbir moderat fil-pagi – u tilħaq 1,4 % fl-2020.

Sa dan l-aħħar, il-possibilità li l-Italja tagħmel sforzi fiskali kbir sabiex b'mod deċiżiv tbaxxi l-proporzjon tad-dejn tagħha għall-PDG ġiet imxekkla minn prospettiva makroekonomika avversa u r-riskju relatat li l-politiki fiskali jistgħu jirriżultaw kontroproduttivi, peress li l-proporzjon tad-dejn u l-bilanċ primarju jiġu affettwati negattivament minn żviluppi ta' tbaxxija fil-prezzijiet. Barra minn hekk, inflazzjoni baxxa għamlitha aktar diffiċli biex l-Italja tnaqqas l-infiq pubbliku bħala sehem mill-PDG billi ġew iffriżati l-pagi u l-intitolamenti tal-pensjoni f'termini nominali, li jimplikaw dħul mit-taxxi inqas min-normal. Fl-aħħar nett, il-kundizzjonijiet makroekonomiċi sfavorevoli, inklużi kundizzjonijiet stretti ta' finanzjament, implikaw multiplikaturi fiskali ogħla mill-medja, amplifikati mill-politika monetarja ristretta minħabba limitu inferjuri ta' żero[15]. It-tkabbir reali tal-PDG aċċellera għal 1,1 % fl-2016 u 1,6 % fl-2017, bit-tkabbir nominali tal-PDG ogħla minn 2 % (2,3 % fl-2016 u 2,1 % fl-2017),

[14] Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD (2018) 210 final, 7.3.2018, "*Country Report Italy 2018. Including an In-Depth Review on the prevention and correction of macroeconomic imbalances" (Rapport tal-Pajjiż l-Italja 2018. Inkluż analiżi fil-fond dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi").*

[15] Ara, pereżempju, Blanchard O. u D. Leigh (2013), fuq www.imf.org/external/pubs/ft/wp/2013/wp1301.pdf

għall-ewwel darba minn meta seħħet il-kriżi finanzjarja globali. Filwaqt li t-tkabbir reali tal-PGD huwa mbassar mill-Kummissjoni biex jonqos drastikament għal darb' oħra għal 1,1 % fl-2018 u jirkupra biss moderatament għal 1,2 % fl-2019 u 1,3 % fl-2020, l-iżviluppi fil-prezzijiet sottostanti (id-deflatur tal-PDG) jimplikaw aċċellerazzjoni mistennija fit-tkabbir tal-PGD nominali għal 2,4 % fl-2018, 2,5 % fl-2019, u 2,7 % fl-2020. Il-kundizzjonijiet makroekonomiċi ma' għadhomx jidhru li huma fattur mitiganti biex jiġu spjegati l-lakuni kbar tal-Italja biex tikkonforma mal-mal-punt ta' riferiment tat-tnaqqis tad-dejn futur, għalkemm il-prospetti ta' tkabbir tal-Italja jidhru li huma suġġetti għal riskji negattivi intensifikati għall-ġejjieni. B'mod partikolari, awment prolungata fir-rendimenti tad-dejn sovran tista' taggrava l-kundizzjonijiet tal-finanzjament tal-banek kif ukoll ir-riżervi ta' kapital u b'hekk ikollha impatt negattiv fuq it-tkabbir tal-PDG reali billi xxekkel l-ispejjeż tal-kreditu u tal-provvista. Dan, imbagħad, jista' jkompli jkabbar r-riskji ta' sostenibbiltà fiskali tal-Italja.

Tabella 3: Żviluppi makroekonomiċi u baġitarji [a]

	2015	2016	2017	2018		2019	
				KUMM	APB	KUMM	APB
PDG reali (tibdil f'%)	0.9	1.1	1.6	1.1	1.2	1.2	1.5
Deflatur tal-PDG (tibdil f'%)	0.9	1.1	0.5	1.3	1.3	1.3	1.6
PDG potenzjali (tibdil f'%)	-0.1	-0.2	0.3	0.5	0.7	0.6	0.9
Marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni (% tal-PDG potenzjali)	-3.6	-2.3	-1.0	-0.3	-0.4	0.3	0.4
Bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika	-2.6	-2.5	-2.4	-1.9	-1.8	-2.9	-2.4
Bilanċ primarju	1.5	1.4	1.4	1.7	1.8	1.0	1.2
Formazzjoni grossa tal-kapital fiss tal-amministrazzjoni pubblika	2.2	2.1	2.0	1.9	1.8	1.9	2.1
Miżuri ta' darb u oħrajn temporanji	-0.2	0.2	0.0	0.1	0.0	-0.1	-0.1
Bilanċ aġġustat ċiklikament	-0.7	-1.3	-1.9	-1.8	-1.6	-3.0	-2.6
Bilanċ primarju aġġustat ċiklikament	3.4	2.6	1.9	1.9	2.0	0.8	1.0
Bilanċ strutturali [b]	-0.5	-1.5	-1.8	-1.8	-1.6	-3.0	-2.6
Bilanċ primarju strutturali	3.6	2.4	2.0	1.8	2.0	0.9	1.0

Noti:

[a] F'perċentwal tal-PDG sakemm ma jkunx

[b] Bilanċ aġġustat ċiklikament minbarra miżuri ta' darba u oħrajn temporanji

Sors : Servizzi tal-Kummissjoni, l-APB rivedut tal-Italja għall-2019 u t-tbassir tal-ħarifa 2018 tal-Kummissjoni

Riformi strutturali

Wara l-elezzjoni ġenerali tal-4 ta' Marzu 2018, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018[16] adottat f'April 2018 mill-gvern ta' tranżizzjoni ma pproponiex inizjattivi leġiżlattivi ġodda iżda elenka r-riformi li kienu diġà adottati f'dak iż-żmien f'għadd ta' oqsma bħall-amministrazzjoni pubblika, is-sistema ġudizzjarja, il-kompetizzjoni, is-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni u l-kompetittività.

Fir-Rapport tal-Pajjiż 2018 tagħha, il-Kummissjoni vvalutat li l-Italja kienet għamlet xi progress biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2017 iżda wkoll li r-ritmu tar-riforma kien naqas u li kien għad baqa' sfidi sinifikanti f'diversi oqsma ta' riforma.

[16] http://www.dt.mef.gov.it/export/sites/sitodt/modules/documenti_it/analisi_progammazione/documenti_programmatici/def_2018/DEF_2018_-_Sez.3_-_PNR.pdf

L-iżbilanċi makroekonomiċi tal-Italja – l-aktar dawk relatati ma' dejn pubbliku għoli ħafna u ma' tkabbir batut fil-produttività – ma baqgħux jiddeterjoraw iżda baqgħu għoljin ħafna[17]. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Italja baqgħet turi żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi[18].

L-abbozz tal-pjan baġitarju rivedut tal-2019 introduċa diversi inizjattivi ta' politika ġodda, li ġew speċifikati aktar f'żewġ proposti leġiżlattivi: id-"digriet fiskali"[19] tat-23 ta' Ottubru 2018, u l-abbozz tal-liġi tal-baġit, ippreżentati lill-Parlament fil-31 ta' Ottubru 2018, it-tnejn li huma attwalment taħt diskussjoni.

Id-"digriet fiskali" jinkludi miżuri mmirati biex jinkoraġġixxu l-konformità mar-regoli tat-taxxa, kif ukoll diversi miżuri bl-għan li jinġabru l-obbligazzjonijiet fiskali tal-passat u jitnaddfu r-reġistri tat-taxxa. Rigward l-ewwel punt, it-trażmissjoni elettronika tal-fatturi se tkun obbligatorji anki għal tranżazzjonijiet ma' konsumaturi finali. Fl-istess ħin, id-"digriet fiskali" introduċa possibbiltà ġdida u aktar vantaġġuża għal dawk li jħallsu t-taxxa biex jissaldaw obbligazzjonijiet fiskali tal-passat, billi jħallsu bin-nifs fuq perijodu ta' diversi snin, mingħajr multi u b'rati ta' interessi vantaġġużi. Miżura addizzjonali se tippermetti wkoll lill-kontribwenti – taħt kundizzjonijiet u limiti speċifiċi – li jiddivulgaw dħul mhux rappurtat fl-imgħoddi billi jħallsu biss 20 % tar-responsabbiltà għall-ħlas tat-taxxa korrispondenti u, f'għadd ta' pagamenti u mingħajr interessi u multi. Id-"digriet fiskali" jinkludi wkoll diversi dispożizzjonijiet iżgħar li jnaqqsu l-obbligazzjonijiet fiskali passati pendenti ta' daqs limitat u li jnaqqsu l-inċentivi għall-kontribwenti li jestendu t-tul ta' żmien f'litigazzjonijiet dwar it-taxxa. Kollox ma' kollox, l-impatt pożittiv fuq id-dħul huwa stmat għal madwar 0,1 % tal-PDG fl-2020.

L-abbozz tal-liġi tal-baġit jinkludi bosta miżuri li jaffettwaw firxa wiesgħa ta' oqsma fosthom it-tassazzjoni, l-investiment pubbliku, is-sigurtà soċjali u s-sistema tal-pensjoni. Rigward it-tassazzjoni, diversi bidliet fir-reġimi tat-taxxa, speċjalment għad-ditti u dawk li jaħdmu għal rashom, parzjalment se jqassmu mill-ġdid tal-piż tat-taxxa madwar is-setturi, b'impatt ġenerali pożittiv fuq id-dħul fl-2019. Il-miżuri li jnaqqsu l-piż tat-taxxa huma dawn li ġejjin:

(1) Il-kamp ta' applikazzjoni tar-reġim fiskali simplifikat għal dawk li jaħdmu għal rashom se jiġi estiż, billi jillaxkaw il-kundizzjonijiet tal-aċċess. Bħalissa, il-ħaddiema li jaħdmu għal rashom b'fatturat annwali taħt limiti speċifiċi għas-settur għandhom l-għażla li jħallsu, bħala sostitut għat-taxxa fuq id-dħul personali, permezz ta' *tnaqqis* ta' 15 % fuq il-fatturat annwali tagħhom f'forma ta' taxxa aġġustata għal *"koeffiċjenti ta' profittabbiltà"* speċifiċi. Bir-reġim il-ġdid, il-limiti kollha għall-fatturat annwali, li bħalissa jvarjaw skont is-setturi ta' attività u jvarjaw sa massimu ta' EUR 55 000, huma armonizzati u miżjuda għal EUR 65 000. Barra minn hekk, diversi kundizzjonijiet ta' aċċess oħra jitneħħew. Il-miżura hija mistennija li strutturalment tnaqqas id-dħul b'0,1 % tal-PDG.

(2) Dispożizzjoni simili hija introdotta wkoll għall-ħaddiema involuti f'attivitajiet intraprenditorjali b'fatturat annwali bejn EUR 65 000 u EUR 100 000, li l-introjtu

---

[17] Ara "*Rapport tal-Pajjiż - l-Italja 2018*". Ibidem.

[18] Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM (2018) 120 final, "*Is-Semestru Ewropew 2018: Valutazzjoni tal-progress tar-riformi strutturali, tal-prevenzjoni u tal-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi, u r-riżultati tal-analiżijiet fil-fond skont ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011*".

[19] Decreto Legge, 23 ta' Ottubru 2018, nru. 119, *Disposizioni urgenti in materia fiscale e finanziaria*.

korrispondenti tagħhom jiġi ntaxxat barra r-reġim standard tat-taxxa fuq l-introjtu personali b'rata ta' *telf* ta' 20 %[20]. Mill-2021 it-telf mid-dħul mistenni jammonta għal 0,1 % tal-PDG.

(3) Ir-rata ta' taxxa korporattiva se titnaqqas minn 24 % sa 15 % fuq il-profitti tad-ditti, użati biex jiżdied l-investiment jew jiġu impjegati ħaddiema ġodda, b'telf mistenni fid-dħul strutturali ta' madwar 0,1 % tal-PDG.

Fl-istess ħin, diversi dispożizzjonijiet oħrajn eżistenti li naqqsu l-piż tat-taxxa għad-ditti se jiġu rrevokati jew jitnaqqsu fl-ambitu. Jiġifieri, reġim tat-taxxa simplifikat leġiżlat preċendement għal introjtu personali minn attivitajiet intraprenditorjali ("*Imposta sul Reddito Imprenditoriale*") u l-inċentivi eżistenti tat-taxxa għal żidiet kapitali tad-ditti ("*Aiuto alla Crescita Económica*") se jiġu rrevokati (li jimplika dħul ogħla minn 0,1 % tal-PDG fl-2019 u 0,2 % mill-2020). L-inċentivi temporanji għall-investiment ("*Superammortamento*") mhumiex se jkunu estiżi, filwaqt li l-inċentivi temporanji tat-taxxa għal investiment innovattiv ("*Iperammortamento*") se jiġu estiżi iżda jitnaqqsu fl-ambitu. Barra minn hekk, it-tnaqqis tat-taxxa ta' spejjeż speċifiċi għal xi kategoriji ta' ditti – b'mod partikolari l-banek – se tkun limitata, b'effett pożittiv temporanju fuq id-dħul ta' 0,2 % tal-PDG fl-2019. B'mod aktar speċifiku, it-tnaqqis tat-taxxa tal-avvjament u assi intanġibbli oħrajn marbutin ma' operazzjonijiet tal-passat titnaqqas billi tinfirex fuq 11-il sena; it-tnaqqis tat-taxxa ta' telf ta' kreditu mġarrba fl-2018 tiġi posposta għall-2026; it-tnaqqis tat-taxxa ta' telf minħabba l-implimentazzjoni ta' prinċipji ta' kontabilità ġodda titnaqqas billi tinfirex fuq għaxar snin; u l-ħlas bil-quddiem tat-taxxa fuq l-assigurazzjonijiet jiżdied.

L-abbozz tal-liġi tal-baġit jinkludi wkoll diversi dispożizzjonijiet biex jiġi appoġġjat l-investiment pubbliku. Ir-riżorsi bbaġitjati għall-investimenti pubbliċi se jiżdiedu b'0,2 % tal-PDG fl-2019 permezz tal-ħolqien ta' żewġ fondi, għal investimenti ppjanati fil-livell ċentrali (*Fondo Investimenti Amministrazioni centrali*) u fil-livell lokali (*Fondo Investimenti enti territoriali*). Barra minn hekk, se jinħolqu żewġ korpi istituzzjonali biex jiffaċilitaw il-proċeduri amministrattivi: uffiċċju ċentrali (*InvestItalia*) se jikkoordina l-ħidma ministerjali għall-istabbiliment ta' strateġiji ta' investiment fil-livell nazzjonali, il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-programmi u l-indirizzar tal-konġestjonijiet; fl-istess ħin, uffiċċju indipendenti għall-ippjanar ta' proġetti (*Centrale per la progettazione delle opera pubbliche*) se jipprovdi appoġġ tekniku lil amministrazzjonijiet ċentrali u lokali matul l-implimentazzjoni tal-proġetti.

Iż-żewġ miżuri ewlenin inklużi fl-abbozz ta' pjan baġitarju rivedut għall-2019 huma l-"introjtu taċ-ċittadinanza" u l-"livell limitu ta' 100" ("*Kwota 100*"), rigward is-sigurtà soċjali u s-sistema tal-pensjonijiet rispettivament. L-abbozz tal-liġi baġitarja tinkludi biss il-fondi allokati għal dawn il-miżuri, li se jitfasslu u jiġu implimentati permezz ta' liġijiet separati. Madankollu, l-abbozz ta' pjan baġitarju rivedut għall-2019 isemmi l-aspetti ewlenin tagħhom.

L-"introjtu taċ-ċittadinanza" hija skema ta' introjtu minimu, li, fil-pjanijiet tal-gvern, se jkollha l-għan li tiggarantixxi introjtu fix-xahar ta' EUR 780, li jikkorrispondi għal-limitu tal-faqar relattiv. Madankollu, l-ammont eżatt tal-kwoti u l-kundizzjonijiet ta' aċċess għad iridu jiġu lleġiżlati fi stadju aktar tard. Il-fond ibbaġitjat jammonta għal EUR 9 biljun kull sena mill-2019, inkluż EUR 1 biljun għat-tisħiħ taċ-ċentri għall-impjieg. Billi l-fond se jassorbi madwar EUR 2 biljun ta' riżorsi allokati preċendement għall-iskema kontra l-faqar (*Reddito di inclusione*), l-impatt nett fuq l-infiq tal-gvern huwa 0,4 % tal-PDG.

[20] Peress li din il-miżura se tiġi implimentata mill-2020, hija biss inkluża fl-abbozz tal-liġi tal-baġit u mhux fl-abbozz ta' pjan baġitarju rivedut għall-2019.

Il-"livell limitu ta' 100" hija skema ta' rtirar kmieni, li tistabbilixxi l-livell limitu għal irtirar kmieni fl-età ta' 62 sena u 38 sena ta' kontribuzzjonijiet. L-ammonti bbaġitjati għall-fond jammontaw għal EUR 6.7 biljun fl-2019 u EUR 7 biljun fl-2020 (0,4 % tal-PDG).

Il-miżuri inklużi fl-abbozz ta' pjan baġitarju rivedut għall-2019 jindikaw pass lura fuq ir-riformi li l-Italja kienet adottat f'konformità mar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-passat, kif ukoll rigward l-aspetti fiskali strutturali tar-Rakkomandazzjoni indirizzata lill-Italja mill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2018. B'mod partikolari, filwaqt li l-Kunsill irrakkomanda li l-Italja jenħtieġ li tnaqqas is-sehem tal-pensjonijiet tax-xjuħija fl-infiq pubbliku tagħha sabiex jinħoloq spazju għal infiq soċjali ieħor, il-possibbiltà introdotta reċentement għal irtirar kmieni treġġa' lura r-riformi tal-pensjonijiet preċedenti li jirfdu s-sostenibbiltà fit-tul tad-dejn pubbliku mdaqqas tal-Italja. Barra minn hekk, il-flessibbiltà akbar għal irtirar kmieni jista' jkollha impatt negattiv fuq il-provvista tal-ħaddiema, u dan ifixkel it-tkabbir potenzjali.

Il-provvediment imsaħħaħ għall-fatturar elettroniku huwa mistenni li jgħin biex inaqqas id-distakk tal-konformità mal-VAT, billi jipprovdi lill-aġenzija tat-taxxa b'informazzjoni aktar preċiża u f'waqtha, li tippermetti spezzjonijiet immirati b'effetti deterrenti fuq il-kontribwenti. Madankollu, il-possibbiltajiet ġodda għall-kontribwenti biex isolvu obbligi fiskali passati jew jirrapportaw introjtu mhux iddikjarat f'kundizzjonijiet vantaġġużi huwa mistenni li jkollhom effett oppost, billi b'mod impliċitu jagħtu vantaġġ lil imġiba mhux konformi.

Il-bidliet ippjanati fir-reġimi tat-taxxa għal persuni li jaħdmu għal rashom u d-ditti għandhom l-għan li jimmiraw aħjar l-inċentivi tat-taxxa għat-tkabbir ekonomiku. Madankollu, din il-bidla fl-istrateġija hija soġġetta għal riskji negattivi, minħabba li xi miżuri rrevokati kellhom suċċess fl-appoġġ tal-investiment u żidiet kapitali tad-ditti. L-irtirar mir-reġim favorevoli tat-taxxa eżistenti fuq il-qligħ riinvestit taħt il-"kwota għall-ekwità korporattiva" (allowance for corporate equity, ACE), li fil-parti l-kbira tiegħu kien użat minn ditti, jista' jaggrava t-tendenza li tiffavorixxi d-dejn fit-tassazzjoni korporattiva, u potenzjalment inaqqas l-inċentivi għal forom alternattivi ta' finanzjament apparti s-self bankarju. Fl-istess ħin, ir-rati mnaqqsin tat-taxxa korporattiva fuq id-ditti li jħaddmu jew jinvestu – għalkemm jimmiraw aħjar lejn it-tkabbir ekonomiku – jistgħu jkunu kumplessi biex jiġu implimentati fil-prattika u jżidu rekwiżiti ta' rapportar għad-ditti. Barra minn hekk, il-pakkett ta' riforma ġenerali jżid il-piż tat-taxxa fuq id-ditti fl-2019, filwaqt li fl-2020 ikollu ġeneralment impatt newtrali biss.

Il-miżuri li jimplikaw tnaqqis tat-taxxa mnaqqsa tal-ispejjeż, billi b'mod impliċitu jżidu l-piż tat-taxxa fuq il-banek, jistgħu jaffettwaw b'mod ħażin il-provvista tal-kreditu, u b'hekk ir-riskju jaggrava l-impatt negattiv possibbli tar-rendimenti sovrani ogħla u l-ispejjeż ta' finanzjament mill-banek.

Huwa mistenni li ż-żieda fil-fondi u t-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva għall-investiment pubbliku jappoġġjaw it-tkabbir ekonomiku, għalkemm l-impatt tiegħu jirriskja li jiddewwem minħabba nuqqasijiet fl-implimentazzjoni u l-ostakli amministrattivi.

B'mod ġenerali, il-kompożizzjoni tal-abbozz ta' pjan baġitarju għall-2019 ma jidhirx li tiffavorixxi ż-żieda fit-tkabbir potenzjali, peress li treġġa' lura r-riformi strutturali tal-passat, tirriskja li tiskoraġġixxi l-konformità tat-taxxa, iżżid il-piż tat-taxxa fuq id-ditti fuq livell aggregat u tista' twassal għal tnaqqis fil-provvediment ta' kreditu permezz ta' kundizzjonijiet ta' finanzjament tal-banek agħar minn rendimenti sovrani ogħla.

4.2. Pożizzjoni baġitarja fit-terminu medju

Il-valutazzjoni ex post tal-konformità tal-Italja mal-partijiet preventivi tindika xi devjazzjoni mill-perkors ta' aġġustament lejn l-OTM fl-2017, wara li jitqiesu l-kwoti mogħtija taħt il-klawsoli ta' flessibbiltà u għal ċirkostanzi mhux tas-soltu. B'kuntrast, fir-rigward tas-sena 2018, mhuwiex mistenni li l-aġġustament fiskali jkun adegwat meta jiġu kkunsidrati l-isfidi ta' sostenibbiltà li l-Italja qed tiffaċċja. Għall-2019, fl-Opinjoni tagħha tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju għall-2019, il-Kummissjoni identifikat nuqqas partikolarment serju ta' konformità mar-rakkomandazzjoni fiskali indirizzata lill-Italja mill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2018. Din il-valutazzjoni ġiet ikkonfermata fl-Opinjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Novembru 2018 dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju rivedut għall-2019 tal-Italja. Id-daqs tad-devjazzjoni mill-perkors ta' aġġustament irrakkomandat lejn l-OTM huwa mistenni li jkompli jikber fl-2020 abbażi tat-tbassir tal-Kummissjoni, skont suppożizzjoni tal-ebda tibdil fil-politika.

Bilanċ strutturali u aġġustament lejn l-OTM

Kaxxa 1: flessibbiltà skont il-parti preventiva

Wara li ħarġet mill-proċedura ta' defiċit eċċessiv fl-2013, l-Italja kienet ġeneralment konformi mad-dispożizzjonijiet tal-parti preventiva sal-2017. Madankollu, matul il-perjodu 2015-2017, il-konformità wiesgħa tal-Italja nkisbet ukoll bis-saħħa tal-aħjar użu tal-flessibbiltà mogħtija mill-Kummissjoni, wara l-Komunikazzjoni tagħha dwar "Nagħmlu l-aħjar użu tal-flessibbiltà fir-regoli eżistenti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir" ta' Jannar 2015, u kkonfermata mir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-Kunsill. L-Italja bbenefikat ħafna mill-flessibbiltà fl-ambitu tal-qafas tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fl-2015, 0,03 % tal-PDG ta' flessibbiltà ingħata għal ċirkostanzi mhux tas-soltu, b'rabta mal-kriżi tar-refuġjati. Fl-istess sena, ir-rekwiżit strutturali tal-punt ta' riferiment ta' 0,5 % tal-PDG tnaqqas bin-nofs, għal 0,25 % tal-PDG minħabba l-kunsiderazzjoni mtejba ta' kundizzjonijiet ċikliċi prevalenti. Fl-2016, ingħatat flessibbiltà ġenerali ta' 0,83 % tal-PDG b'rabta mal-klawsola ta' riforma strutturali, il-klawsola dwar l-investiment u l-klawsola ta' ċirkostanzi mhux tas-soltu. Tal-aħħar ingħatat b'referenza għall-kriżi tar-refuġjati u l-ispejjeż addizzjonali ta' sigurtà minħabba t-theddida terroristika. Fl-2017, ingħatat flessibbiltà ġenerali ta' 0,35 % tal-PDG skont il-klawsola ta' ċirkostanzi mhux tas-soltu, minħabba l-kriżi tar-refuġjati u l-ħtieġa għall-protezzjoni tat-territorju nazzjonali kontra r-riskji siżmiċi. Għall-2018, il-Kummissjoni kkunsidrat li sforz strutturali fiskali inqas minn 0,3 % tal-PDG mir-rekwiżit tal-punt ta' riferiment ikun adegwat sabiex jiġu bbilanċjati l-ħtiġijiet ta' stabbilizzazzjoni tal-Italja u l-isfidi ta' sostenibbiltà eżistenti. B'mod ġenerali, matul il-perjodu 2015-2018 l-Italja kienet titħalla tiddevja temporanjament mill-perkors ta' aġġustament għall-OTM bi kważi 1,8 punti perċentwali tal-PDG.

Rigward l-**2017**, l-Italja ġiet irrakkomandata li tagħmel aġġustament strutturali ta' 0,6 % tal-PDG jew iktar, sabiex ikun hemm progress suffiċjenti għall-OTM tagħha. Madankollu, il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 ikkonferma li r-riżultat tal-impatt baġitarju tal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati u ta' pjan ta' investiment preventiv għall-ħarsien tat-territorju nazzjonali kontra r-riskji siżmiċi kien sinifikanti fl-2017, għal madwar 0,35 % tal-PGD, ftit biss ogħla mill-istima *ex ante*. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni kkonfermat il-kwota mogħtija

b'mod preliminari skont il-klawsola ta' ċirkostanzi mhux tas-soltu[21]. Għalhekk, l-aġġustament meħtieġ għall-OTM għall-2017 tnaqqas biex jitqiesu dawk l-ispejjeż.

Il-valutazzjoni ġenerali maħruġa fir-rebbiegħa tal-2018 abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2018 tal-Kummissjoni indikat xi devjazzjoni mill-perkors ta' aġġustament irrakkomandat għall-OTM kemm fl-2016 kif ukoll fl-2017. L-istess valutazzjoni hija kkonfermata abbażi tat-tbassir tal-ħarifa 2018 tal-Kummissjoni.

Rigward l-2018, l-Italja kienet irrakkomandata biex tiżgura rata ta' tnaqqis nominali tal-infiq pubbliku primarju nett mill-inqas b' 0,2 % fl-2018, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,6 % tal-PDG. Madankollu, il-Kummissjoni qalet fil-Komunikazzjoni tagħha dwar is-Semestru Ewropew 2017 ta' Mejju 2017[22] li se tkun lesta li tuża l-marġni ta' diskrezzjoni f'każijiet fejn l-impatt ta' aġġustament fiskali kbir fuq it-tkabbir u l-impjieg ikun partikolarment sinifikanti. B'mod ġenerali, sabiex jiġu bbilanċjati l-ħtiġijiet ta' stabbilizzazzjoni attwali tal-Italja u l-isfidi ta' sostenibbiltà eżistenti, il-Kummissjoni kkunsidrat li sforz strutturali fiskali ta' mill-inqas 0,3 % tal-PDG ikun adegwat, mingħajr ebda marġni addizzjonali ta' devjazzjoni tul sena. Dan jikkorrispondi għal rata ta' tkabbir nominali tal-infiq primarju nett li ma taqbiżx iż-0,5 %.

Abbażi tal-abbozz ta' pjan baġitarju rivedut għall-2019, il-punt ta' riferiment tan-nefqa jindika aġġustament fiskali adegwat fl-2018, minħabba li r-rata ta' tkabbir tal-infiq pubbliku tal-Italja, nett minn miżuri diskrezzjonali tad-dħul u minn miżuri ta' darba, se jaqbeż dak irrakkomandat mill-Kunsill. Barra minn hekk, it-titjib fil-bilanċ strutturali (ikkalkulat mill-ġdid) ippjanat mill-gvern għall-2018 (0,2 % tal-PDG) jitbiegħed mill-aġġustament strutturali adegwat ta' 0,3 % tal-PDG. Valutazzjoni ġenerali abbażi tal-pjanijiet tal-gvern tindika riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament għall-objettiv baġitarju fuq perjodu medju ta' żmien, irrakkomandat mill-Kunsill għall-2018. Abbażi tat-tbassir tal-ħarifa 2018 tal-Kummissjoni, il-valutazzjoni globali abbażi tal-pjanijiet tal-gvern hija kkonfermata. It-tbassir tal-Kummissjoni jipprevedi li l-bilanċ strutturali jibqa' stabbli fl-2018, għal -1,8 % tal-PDG. Abbażi tat-tbassir tal-Kummissjoni, il-punt ta' riferiment tan-nefqa jindika aġġustament fiskali adegwat fl-2018, u l-istess indikazzjoni hija pprovduta mill-pilastru tal-bilanċ strutturali.

Rigward l-**2019**, fl-Opinjoni tagħha tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju rivedut għall-2019, il-Kummissjoni identifikat nuqqas partikolarment serju ta' konformità mar-rakkomandazzjoni fiskali indirizzata lill-Italja mill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2018. Din il-valutazzjoni ġiet ikkonfermata mill-Opinjoni tal-Kummissjoni riveduta tal-21 ta' Novembru 2018 dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju għall-2019 tal-Italja.

Għall-2019, l-Italja hija rrakkomandata biex tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ma taqbiżx iż-0,1 %, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,6 % tal-PDG.

Abbażi tal-abbozz ta' pjan baġitarju rivedut għall-2019, il-punt ta' riferiment tan-nefqa jindika li hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti kemm fl-2019 (distakk ta' 1,3 % tal-PDG) u tul l-2018 u l-2019 meta jitqiesu flimkien (distakk ta' 0,9 % tal-PDG fis-sena, bħala medja, b'kunsiderazzjoni tal-aġġustament għas-sentejn irrakkomandat mill-Kunsill), minħabba li r-

[21] Jiġifieri, in-nefqa eliġibbli fl-2017 tammonta għal 0,16 % tal-PDG minħabba l-influss eċċezzjonali ta' refuġjati u 0,19 % tal-PDG li jikkonċerna l-protezzjoni kontra r-riskji siżmiċi.

[22] https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/2017-european-semester-country-specific-recommendations-commission-recommendations-communication.pdf

rata tat-tkabbir tan-nefqa tal-gvern, nett minn miżuri diskrezzjonali tad-dħul u miżuri ta' darba, se jaqbeż dak irrakkomandat mill-Kunsill. L-istess indikazzjoni hija pprovduta mill-pilastru tal-bilanċ strutturali. L-abbozz ta' pjan baġitarju rivedut għall-2019 jipprevedi li l-bilanċ strutturali (ikkalkolat mill-ġdid) imur għall-agħar b' 0,9 % tal-PDG fl-2019. Il-pilastru tal-bilanċ strutturali jindika riskju ta' devjazzjoni sinifikanti kemm fuq sena (marġni ta' 1,5 % tal-PDG, fl-2019) u tul l-2018 u l-2019 meta jitqiesu flimkien (distakk ta' 1,0 % fis-sena, bħala medja, b'kunsiderazzjoni tal-aġġustament għas-sentejn irrakkomandat mill-Kunsill). Din il-konstatazzjoni ma tinbidilx wara li jiġi kkunsidrat ir-rekwiżit imnaqqas fl-2018, wara l-applikazzjoni tal-marġni ta' diskrezzjoni. Valutazzjoni ġenerali abbażi tal-pjanijiet tal-gvern turi li hemm nuqqas ta' konformità partikolarment serja mal-perkors ta' aġġustament għall-objettiv baġitarju ta' terminu medju rrakkomandat mill-Kunsill għall-2019. Din il-konklużjoni ma tinbidilx lanqas jekk l-impatt baġitarju (madwar 0,2 % tal-PDG) tal-programm straordinarju ta' manutenzjoni għan-netwerk tat-toroq u għall-konnessjonijiet wara li waqa' il-pont Morandi f'Ġenova u ta' pjan preventiv biex jiġu limitati r-riskji idroġeoloġiċi wara kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena, ġew ikkunsidrati bħala ċirkostanzi mhux tas-soltu barra mill-kontroll tal-Istat Membru kkonċernat għall-finijiet tal-Artikolu 5(1) u tal-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 u tnaqqsu mir-rekwiżit tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Abbażi tat-tbassir tal-ħarifa 2018 tal-Kummissjoni, il-valutazzjoni ġenerali abbażi tal-pjanijiet tal-gvern hija kkonfermata, minħabba li l-punt ta' riferiment tan-nefqa jindika riskju ta' devjazzjoni sinifikanti, kemm fl-2019 (distakk ta' 1,5 % tal-PDG) u tul l-2018 u l-2019 meta jitqiesu flimkien (distakk ta' 1,3 % tal-PDG fis-sena, bħala medja, b'kunsiderazzjoni tal-aġġustament għas-sentejn irrakkomandat mill-Kunsill). L-istess indikazzjoni hija pprovduta mill-pilastru tal-bilanċ strutturali. It-tbassir tal-ħarifa 2018 tal-Kummissjoni għall-Italja jipprevedi li l-bilanċ strutturali jmur għall-agħar b'1,2 % tal-PDG fl-2019, u jilħaq -3,0 % tal-PDG. Il-pilastru tal-bilanċ strutturali jindika riskju ta' devjazzjoni sinifikanti kemm fuq sena (marġni ta' 1,8 % tal-PDG fl-2019) u matul l-2018 u l-2019 meta jitqiesu flimkien (distakk ta' 1,2 % fis-sena, bħala medja).

Investiment pubbliku

Fir-rigward tal-investiment pubbliku, il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss tal-amministrazzjoni pubblika tal-Italja kellha medja ta' madwar 3 % tal-PDG bejn l-1999 u l-2010, iżda l-ħtieġa għal aġġustament malajr biex tiġi indirizzata l-kriżi tad-dejn sovran wasslet għal tnaqqis sostanzjali fl-investiment pubbliku għal madwar 2,4 % tal-PDG bħala medja bejn l-2011 u l-2016. Fl-2017, il-proporzjon tal-investiment pubbliku għall-PDG laħaq punt baxx ġdid, ta' 2 % tal-PDG (-5,3 % sena wara sena f'termini nominali). Skont l-abbozz ta' pjan baġitarju rivedut għall-2019 huwa previst li l-proporzjon se jonqos kemxejn għal 1,9 % tal-PDG fl-2018 (-2.2 % sena wara sena f'termini nominali). Fl-2019 u l-2020, l-abbozz ta' pjan baġitarju rivedut għall-2019 jipprevedi li l-investiment pubbliku jirkupra progressivament, appoġġjat minn fondi addizzjonali allokati u l-miżuri li ttieħdu biex jitħaffu l-proċeduri amministrattivi. Fil-qosor, minħabba t-tnaqqis wiesgħa tiegħu matul iż-żmien, l-investiment pubbliku ma jidhirx li jirrappreżenta fattur mitiganti li jiġġustifika n-nuqqas ta' konformità mal-punt ta' riferiment għat-tnaqqis tad-dejn.

4.3. Il-pożizzjoni tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika fit-terminu medju

Id-dejn pubbliku tal-Italja għadu sors kbir ta' vulnerabbiltà għall-ekonomija. Il-miżuri li għadhom kif ġew adottati, flimkien ma' evoluzzjonijiet demografiċi negattivi, x'aktarx se jreġġgħu lura x-xejra pożittiva miksuba minn riformi tal-pensjonijiet tal-passat u jdgħajfu s-sostenibbiltà fiskali fit-tul. Is-sostenibbiltà fiskali fit-tul kienet imxekkla wkoll miż-żieda fir-rati tal-imgħax fuq il-bonds tal-gvern osservat fl-2018, u tista' tkompli tmur għall-agħar jekk ir-rati tal-imgħax reali jiżdiedu aktar milli mistenni bħalissa.

Wara li laħaq 131,2 % fl-2017, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-Italja huwa mistenni li b'mod ġenerali jistabbilizza għal madwar 131 % matul il-perjodu bejn l-2018 u l-2020 abbażi tat-tbassir tal-ħarifa 2018 tal-Kummissjoni. Fl-2018, iż-żieda limitata fis-surplus primarju, l-infiq tal-interessi li qed jonqos marġinalment biss u d-dħul mill-privatizzazzjoni taħt il-mira huma mistennija li jkomplu jxekklu il-pass tat-tnaqqis tad-dejn. Fl-2019 u l-2020, id-deterjorament sinifikanti tas-surplus primarju u l-infiq ogħla fuq l-imgħax li qed jiżdied huma mistennija li jkomplu jfixklu t-tnaqqis tad-dejn.

Skont l-indikatur tar-riskju "S0" tas-sostenibbiltà fiskali fuq perjodu qasir tal-Kummissjoni Ewropea, ma jidhirx li l-Italja qed tiffaċċja sfidi ta' sostenibbiltà fuq terminu qasir, għalkemm jidher li hemm vulnerabbiltajiet mil-lat fiskali[23]. Fil-fatt, ir-riskji mill-kuntest makrofinanzjarju għadhom b'mod ġenerali limitati, anki bis-saħħa tal-politika monetarja tal-BĊE li għadha favorevoli. Madankollu, l-Italja hija esposta għal żidiet f'daqqa fl-averżjoni tar-riskju tas-suq finanzjarju minħabba l-ħtiġijiet ta' riportament li minkejja li qed jitjiebu għadhom għoljin (madwar 17 % tal-PDG fl-2018) relatati mad-dejn pubbliku tagħha. Kif osservat minn Mejju 2018, tali żidiet jistgħu jwasslu għal volatilità għolja fis-swieq tal-bonds sovrani u sostanzjalment spejjeż ogħla tas-servizz tad-dejn, bir-riskju sussegwenti ta' effetti sekondarji negattivi għas-settur bankarju u għall-kundizzjonijiet ta' finanzjament ta' ditti u unitajiet domestiċi.

F'terminu medju, l-Italja tiffaċċja sfidi sinifikanti ta' sostenibbiltà. Huwa mistenni li s-surplus primarju strutturali tagħha se jkompli jmur għall-agħar għal 0,9 % tal-PDG fl-2019 u 0,4 % tal-PDG fl-2020, minn 3,6 % fl-2015. Dan jista' jżid ir-riskji tas-sostenibbiltà fuq terminu medju, minħabba li pożizzjoni fiskali dgħajfa tista' tkompli żżid il-primjums tar-riskju. Dan jiġi identifikat fl-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn (debt sustainability analysis, DSA) fuq terminu medju tal-Kummissjoni u l-indikatur tar-riskju S1 tas-sostenibbiltà fiskali[24], li t-tnejn li huma jindikaw "riskju għoli"[25]. L-istokk għoli ta' dejn u ż-żieda prevista tiegħu fl-2029 fix-xenarju ta' referenza u s-sensittività tiegħu għal xokkijiet makroekonomiċi fiskali jikkontribwixxu għal din il-valutazzjoni. Il-kisba ta' proporzjon tad-dejn ta' 60 % tal-

[23] L-indikatur tas-sostenibbiltà fiskali fuq żmien qasir S0 (*indikatur ta' "identifikazzjoni bikrija" ta' riskji fiskali fuq terminu qasir, li jirriżultaw minn karatteristiċi fiskali, makrofinanzjarji u ta' kompetittività tal-ekonomija fuq perjodu ta' sena, abbażi ta' firxa ta' ħamsa u għoxrin fattur varjabbli makrofinanzjarji u fiskali*) huwa mistenni li jkun taħt il-livell limitu ta' "riskju għoli" fl-2018 iżda, fi 0,36, jibqa' fost l-ogħla fl-UE, l-aktar minħabba d-dejn pubbliku għoli ħafna tal-Italja. Barra minn hekk, is-subindiċi fiskali huwa ogħla mil-livell limitu kritiku tagħha.

[24] L-indikatur S1 tas-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju juri l-isforz ta' aġġustament addizzjonali meħtieġ, f'termini ta' titjib gradwali akkumulat fil-bilanċ primarju strutturali fuq ħames snin (li jibda mill-2021), biex sal-2033 jintlaħaq proporzjon tad-dejn għall-PDG ta' 60 %, inkluż il-ħlas għal kwalunkwe nefqa addizzjonali futura li tinħoloq minn popolazzjoni li qed tixjieħ.

[25] Ara r-Rapport tas-Sostenibbiltà Fiskali tal-2018 tal-Kummissjoni Ewropea li jmiss. Aktar spjegazzjonijiet dwar il-metodoloġija jistgħu jinstabu wkoll fil-Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn tal-Kummissjoni Ewropea tal-2017.

PDG sal-2033, għalhekk, jeħtieġ li l-Italja tagħmel sforz fiskali kumulattiv kbir, li jammonta għal 9,4 punti perċentwali tal-PDG bejn l-2021 u l-2025.

Fit-tul, l-Italja hija mistennija wkoll li tiffaċċja sfidi sinifikanti ta' sostenibbiltà, it-tnejn xprunati mill-aġġustament fiskali mdaqqas meħtieġ biex jiġi stabbilizzat il-proporzjon tad-dejn għall-PDG, speċjalment meta jiġu kkunsidrati l-ispejjeż futuri marbutin mat-tixjiħ, u għall-vulnerabbiltajiet marbutin mal-piż tad-dejn għoli. L-indikatur S2 tar-riskju għas-sostenibbiltà fiskali fit-tul[26] jindika riskji sinifikanti, minħabba li żieda permanenti fis-surplus primarju strutturali ta' madwar 2,9 punti perċentwali tal-PDG tkun meħtieġa biex iżżomm il-proporzjon tad-dejn għall-PDG stabbli fuq perjodu twil, anki minħabba l-ispejjeż marbutin mat-tixjiħ. Meta wieħed iqis il-vulnerabbiltajiet marbutin mal-piż tad-dejn għoli – koperti mill-valutazzjoni tar-riskju tad-DSA – dan ir-riżultat jindika wkoll "riskju għoli" fit-tul. Fil-fatt, is-sostenibbiltà fit-tul żgurata permezz ta' riformi tal-pensjonijiet tal-passat, billi jiġu llimitati r-responsabbiltajiet impliċiti li jirriżultaw mit-tixjiħ tal-popolazzjoni, qed tmur għall-agħar. Dan huwa minħabba x-xejriet demografiċi li qed jiddeterjoraw li kienu previsti mill-Eurostat u r-riformi adottati riċentement. B'mod partikolari, il-baġits tal-2017 u l-2018 diġà kienu jinkludu miżuri li parzjalment reġġgħu lura r-riformi tal-pensjonijiet tal-passat, li jikkontribwixxu għal żieda fl-infiq fuq il-pensjonijiet tax-xjuħija tal-Italja fuq terminu medju ta' żmien. F'dan ir-rigward, l-abbozz ta' pjan baġitarju rivedut għall-2019 jinkludi dispożizzjonijiet addizzjonali li se jreġġgħu lura l-progress tal-passat, sostanzjalment iżidu l-infiq pubbliku għal pensjonijiet tax-xjuħija. Għalkemm it-tfassil preċiż tar-riforma se jiġi speċifikat f'digrieti leġiżlattivi wara l-adozzjoni tal-baġit tal-2019, abbażi tal-informazzjoni inkluża fl-abbozz ta' pjan baġitarju rivedut għall-2019, ir-riforma ppjanata tinvolvi llaxkar sostanzjali tal-kundizzjonijiet għall-irtirar kmieni, billi jiġi ffissat il-livell limitu rilevanti ta' 62 sena u 38 sena ta' kontribuzzjonijiet. L-ispiża addizzjonali, stmata għal madwar 0,4 % tal-PDG fl-2019, b'hekk iżżid b'mod sinifikanti l-infiq fuq il-pensjonijiet tax-xjuħija tal-Italja, li għal madwar 15 % tal-PDG potenzjali fl-2016, diġà hija waħda mill-ogħla fl-Unjoni u l-OECD. Barra minn hekk, il-flessibbiltà mtejba għal irtirar kmieni jista' jkollha impatt negattiv fuq il-provvista tax-xogħol, f'kuntest fejn l-Italja diġà qed taqa' lura meta mqabbla mal-medja tal-UE għall-parteċipazzjoni tal-ħaddiema akbar fl-età tagħha (55-64) f'impjieg, u b'hekk ixxekkel it-tkabbir potenzjali. B'mod ġenerali, jekk l-implimentazzjoni tar-riformi tal-pensjonijiet tal-passat tkompli tinżamm lura, tista' tpoġġi r-riskji għas-sostenibbiltà fit-tul tal-Italja f'pożizzjoni agħar.

Ir-rikavati mill-privatizzazzjoni naqqsu l-progress tal-mira ta' 0,5 % tal-PDG previst mill-gvern kemm fl-2016 kif ukoll fl-2017, meta dawn kienu jammontaw għal 0,05 % tal-PDG u inqas minn 0,01 % tal-PDG, rispettivament. Jekk inħarsu 'l quddiem, l-abbozz ta' pjan baġitarju rivedut għall-2019 għadu jipprevedi 0,3 % rikavati mill-privatizzazzjoni tal-PDG kull sena bejn l-2018 u l-2020. Rigward is-sena 2018, il-Kummissjoni ma tinkorpora l-ebda rikavati mill-privatizzazzjoni *ex ante* meta jitqies ir-rekord ta' privatizzazzjonijiet sa issa u l-progress baxx irreġistrat sa tmiem is-sena. Rigward l-2019, meta jitqiesu l-proposti kredibbli u speċifikati sew li qed jiġu diskussi bħalissa, nofs ir-rikavati previsti huma inklużi fit-tbassir. Għall-2020, l-ebda rikavat mill-privatizzazzjoni ma huwa kkunsidrat *ex ante* fit-tbassir għal raġunijiet prudenzjali.

[26] L-indikatur S2 tas-sostenibbiltà fiskali fit-tul S2 juri l-aġġustament minn qabel għall-bilanċ primarju strutturali attwali (sussegwentement miżmum kostanti fuq il-valur aġġustat għal dejjem) li huwa meħtieġ biex jiġi stabbilizzat il-proporzjon tad-dejn għall-PDG fuq medda infinita, inkluż il-ħlas ta' kwalunkwe nefqa addizzjonali li tinħoloq minn popolazzjoni li qed tixjieħ.

F'dan il-kuntest, id-deterjorament fiskali previst u l-impatt negattiv possibbli fuq it-tkabbir potenzjali tar-riforma ppjanata tal-pensjonijiet jistgħu jwasslu biex ir-riskji ta' sostenibbiltà fiskali tal-Italja fuq terminu medju u fit-tul imorru għall-agħar, u jipperikolaw perkors xieraq ta' tnaqqis tad-dejn pubbliku għoli.

4.4. Fatturi oħra meqjusin rilevanti mill-Kummissjoni

Fost fatturi oħra meqjusin rilevanti mill-Kummissjoni, tingħata kunsiderazzjoni partikolari għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji għat-trawwim ta' solidarjetà internazzjonali u għall-kisba tal-miri tal-politika tal-Unjoni; id-dejn imġarrab li jsir fil-forma ta' appoġġ bilaterali u multilaterali bejn l-Istati Membri fil-kuntest tas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja u d-dejn marbut mal-operazzjonijiet ta' stabilizzazzjoni finanzjarja waqt tfixkil finanzjarju ewlieni (l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97). Fir-rigward tal-appoġġ tal-gvern lis-settur finanzjarju matul il-kriżi finanzjarja, l-obbligazzjonijiet kontinġenti biex jiġu appoġġjati d-dispożizzjonijiet ta' likwidità tal-istituzzjonijiet finanzjarji ammontaw għal madwar 1,5 % tal-PDG fi tmiem l-2017 (minn ammont totali ta' obbligazzjonijiet kontinġenti ta' 3,7 % tal-PDG),'il fuq minn 0,5 % tal-PDG fi tmiem l-2016.

L-appoġġ lill-istituzzjonijiet finanzjarji b'impatt fuq id-dejn tal-amministrazzjoni pubblika kien jammonta għal 1 % tal-PDG fl-2017 ('il fuq minn 0,2 % fl-aħħar tal-2016). L-appoġġ kien prinċipalment marbut mal-likwidazzjoni ta' żewġ mutwanti reġjonali Taljani (*Banca Popolare di Vicenza u Veneto Banca*) u r-rikapitalizzazzjoni prekawzjonarja ta' *Banca Monte dei Paschi di Siena*. L-impatt relatat fuq id-defiċit kien ta' madwar 0,4 % tal-PDG. Riskju addizzjonali għall-finanzi pubbliċi huwa marbut mal-impatt possibbli (ta' darba) mill-appoġġ għall-istituzzjonijiet finanzjarji fuq id-defiċit għall-2019 u l-2020 ukoll, kif ukoll mill-istokk konsiderevoli tal-arretrati konsiderevoli tad-dejn tal-kummerċ tal-amministrazzjoni pubblika.

L-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 473/2013 jirrikjedi li dan ir-rapport jikkunsidra wkoll "sa fejn l-Istat Membru kkonċernat ikun ikkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni" dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju ta' Stat Membru, kif imsemmi fl-Artikolu 7(1) tal-istess Regolament. Fl-2017, l-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju għall-2018 tal-Italja[27] indikat riskju ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) u ħeġġet lill-awtoritajiet biex jieħdu l-miżuri meħtieġa fil-proċess baġitarju nazzjonali biex jiżguraw il-konformità. Madankollu, minkejja r-riskji indikati ta' nuqqas ta' konformità mal-PST, il-Baġit tal-2018 ġie approvat mingħajr bidliet kbar meta mqabbel mal-abbozz ta' pjan baġitarju. Fl-2018, l-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju tal-Italja għall-2019 identifikat nuqqas serju ta' konformità mar-rakkomandazzjoni indirizzata lill-Italja mill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2018 u ħeġġet lill-awtoritajiet biex iressqu abbozz ta' pjan baġitarju rivedut. Madankollu, fit-13 ta' Novembru 2018, l-Italja ressqet abbozz ta' pjan baġitarju rivedut li jikkonferma l-miri fiskali ppjanati għall-2019.

4.5. Fatturi oħrajn imressqa mill-Istat Membru

Fit-13 ta' Novembru 2018, l-awtoritajiet Taljani bagħtu dokumenti li jikkonċernaw il-fatturi rilevanti skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 ("l-osservazzjonijiet tal-Italja"). L-analiżi ppreżentata fit-taqsimiet l-oħrajn ta' dan ir-rapport diġà tkopri ħafna mill-fatturi mressqa mill-awtoritajiet.

[27] L-Opinjoni tal-Kummissjoni C (2017) 8019 final, tat-22.11.2017 dwar l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-Italja.

L-osservazzjonijiet tal-Italja jenfasizzaw il-prestazzjoni baġitarja solida tal-Italja, kif jidher minn rekord konsistenti ta' surpluses primarji mdaqqsa li, madankollu, għadhom wisq fil-biċċa l-kbira kkumpensati minn rendiment tal-bonds fiż-żona tal-euro u d-differenzi fit-tkabbir ekonomiku li mhumiex favorevoli għall-Italja biex tiġi żgurata konformità mal-punt ta' riferiment għat-tnaqqis tad-dejn.

L-ewwel fattur rilevanti diskuss fl-osservazzjonijiet tal-Italja huwa l-prospettiva għat-tkabbir nominali tal-PDG, ikkaratterizzat minn riskji riċentement akbar, li quddiem sforzi fiskali kbar wisq jistgħu jirriżultaw kontroproduttivi u jxekklu l-konformità mal-punt ta' riferiment permezz tal-mezz ta' effett ta' denominatur avvers.

It-tieni fattur rilevanti u relatat huwa s-sottovalutazzjoni tal-grad ta' laxkezza tal-ekonomija fl-Italja anki wara r-reviżjoni fil-"metodoloġija komunament miftiehma" biex issir l-istima tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni f'konformità ma' xi bidliet tekniċi proposti mid-delegazzjoni Taljana għall-Grupp ta' Ħidma tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni. Filwaqt li dawn il-bidliet tekniċi implikaw twessigħ tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni tal-Italja għall-2017 għal -1.2 % tal-PDG potenzjali (minn -0.6 % abbażi tat-tbassir tal-ħarifa 2017 tal-Kummissjoni), l-istimi riveduti tal-Kummissjoni xorta jissuġġerixxu li l-attività ekonomika tal-pajjiż jenħtieġ li tilħaq il-potenzjal tagħha fl-2019. F'din is-sena, fil-fatt, huwa stmat li l-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni isir pożittiv, jiġifieri + 0,3 % tal-PDG potenzjali, li mill-awtoritajiet Taljani jitqies li mhuwiex konformi mal-intuwizzjoni ekonomika, minħabba r-rata ta' qgħad ta' 11 % tal-Italja li għadha għolja u l-istabbiltà virtwali fil-pagi u l-prezzijiet. L-osservazzjonijiet tal-Italja għalhekk jippreżentaw stimi alternattivi, li jissuġġerixxu li l-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni għadu madwar -3 % tal-PDG potenzjali fl-2018 abbażi tat-tbassir tal-gvern, meta l-Italja se tkun kważi laħqet l-objettiv ta' terminu medju tagħha ta' baġit ibbilanċjat f'termini strutturali. Barra minn hekk, l-Italja se tissodisfa l-punt ta' riferiment għat-tnaqqis tad-dejn fil-"konfigurazzjoni ċiklika aġġustata" tagħha skont is-suppożizzjoni addizzjonali ta' rata ta' inflazzjoni "normali" (ibbażata fuq id-deflatur tal-GDP) ta' 2 %.

It-tielet fattur rilevanti enfasizzat mill-osservazzjonijiet tal-Italja huwa l-loġika li jiġu appoġġjati l-inklużjoni soċjali u l-investiment pubbliku li jirrappreżentaw il-bażi tal-pjanijiet fiskali tal-gvern fl-abbozz ta' pjan baġitarju għall-2019. B'mod partikolari, huma jqisu l-introjtu marbut maċ-ċittadinanza li jidher fl-abbozz ta' pjan baġitarju għall-2019 bħala konformi mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għall-2018 biex jiżdied l-infiq soċjali, jiġu riformati l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, u tiżdied il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tan-nisa permezz tar-razzjonalizzazzjoni tal-politiki għall-appoġġ tal-familji. Barra minn hekk, huma jikkunsidraw iż-żieda fl-investiment pubbliku b'0,2 % tal-PDG fl-2019 bħala konformi mar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż tal-2018 biex jitrawmu r-riċerka, l-innovazzjoni, il-ħiliet diġitali u l-infrastruttura permezz ta' investiment immirat aħjar u żieda fil-parteċipazzjoni f'edukazzjoni terzjarja vokazzjonali.

Ir-raba' fattur rilevanti kopert fl-osservazzjonijiet tal-Italja hija l-firxa wiesgħa tar-riformi strutturali li jsaħħu t-tkabbir ippjanati mill-gvern f'diversi oqsma, li jvarjaw mis-sistema ġudizzjarja għas-settur pubbliku.

Fatturi rilevanti oħrajn imressqa mill-awtoritajiet Taljani dwar id-dejn pubbliku tal-Italja jinkludu s-sostenibbiltà tagħha, minħabba li l-Istat Membru xorta juri riskji ta' sostenibbiltà baxxi fit-tul minkejja l-projezzjonijiet demografiċi agħar, l-affordabbiltà tiegħu, meta jitqiesu n-nefqa fuq l-imgħax b'tendenza 'l isfel, u l-livell baxx ħafna ta' obbligazzjonijiet kontinġenti u d-dejn tas-settur privat. L-osservazzjonijiet tal-Italja jenfasizzaw ukoll li r-riskji

għall-finanzi pubbliċi Taljani, inkluż iż-żieda riċenti fir-rendiment sovran, huma limitati, minħabba l-pożizzjoni finanzjarja b'saħħitha tal-Italja, il-kompożizzjoni tad-dejn pubbliku, b'maturità ta' terminu twil u rata fissa u l-irkupru riċenti tal-profitabbiltà tas-settur bankarju.

5. KONKLUŻJONIJIET

Il-proporzjon tad-dejn pubbliku għall-PDG tal-Italja, b'rata ta' 131,2 % fl-2017 huwa t-tieni l-akbar fl-Unjoni u li huwa wieħed mill-ikbar fid-dinja. Fl-2017, huwa kien jirrappreżenta piż medju ta' EUR 37 000 għal kull abitant, minbarra l-ispiża annwali medja għas-servizz tiegħu ta' madwar EUR 1 000 għal kull abitant. L-istokk kbir tad-dejn pubbliku jċaħħad lill-Italja l-ispazju fiskali li tenħtieġ biex tistabbilizza l-ekonomija tagħha, f'każ ta' xokkijiet makroekonomiċi. Huwa jirrappreżenta wkoll il-piż interġenerazzjonali fuq il-livell tal-għajxien tal-ġenerazzjonijiet futuri Taljan. Il-fatt li l-ispejjeż tas-servizz tad-dejn jassorbu ammont konsiderevolment ikbar mir-riżorsi pubbliċi fl-Italja milli fil-bqija taż-żona tal-euro jħalli wkoll effett fuq l-infiq produttiv tal-pajjiż: L-infiq tal-imgħax tal-Italja fl-2017 kien madwar EUR 65.5 biljun jew 3,8 % tal-PDG, jiġifieri ġeneralment l-istess ammont ta' riżorsi pubbliċi bħalma jkunu allokati għall-edukazzjoni. Barra minn hekk, dejn pubbliku għoli, fin-nuqqas ta' politiki fiskali prudenti, jesponi lill-pajjiż għal xokkijiet fuq ir-rendimenti sovrani bħala riżultat ta' nuqqas ta' fiduċja fis-swieq, b'impatt negattiv kemm fuq il-kont tal-imgħax imħallas mill-pajjiż kif ukoll l-ispiża ġenerali tal-finanzjament għall-ekonomija reali, li b'riżultat ta' dan, ikollu impatt negattiv fuq it-tkabbir. Id-dejn pubbliku għoli tal-Italja jirrappreżenta vulnerabbiltà sinifikanti għall-ekonomija Taljana u mingħajr dubju t-tnaqqis tiegħu jenħtieġ li jibqa' prijorità fl-aħjar interess tal-Italja.

Fit-23 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ħarġet rapport skont l-Artikolu 126(3) tat-TFUE[28], minħabba li l-Italja ma għamlitx biżżejjed progress fil-konformità mal-kriterju tad-dejn fl-2017. Ir-rapport ikkonkluda li l-kriterju tad-dejn jenħtieġ li jiġi kkunsidrat bħala konformi f'dak iż-żmien, wara li tqieset b'mod partikolari l-konformità tal-Italja mal-parti preventiva.

Madankollu, il-pjanijiet fiskali tal-Italja għall-2019 jirrappreżentaw bidla materjali fil-fatturi rilevanti analizzati mill-Kummissjoni f'Mejju li għadda. B'mod partikolari, fl-abbozz ta' pjan baġitarju għall-2019 tagħha, l-Italja ppjanat deterjorament kbir fil-bilanċ strutturali għall-2019, fl-ordni ta' 0,9 % tal-PDG, filwaqt li l-Kunsill kien irrakkomanda li l-Italja jenħtieġ li ttejjeb il-bilanċ strutturali tagħha mill-anqas b' 0,6 % tal-PDG. Għalhekk, fit-23 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni adottat Opinjoni[29] dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju tal-Italja għall-2019, li identifikat nuqqas partikolarment serju ta' konformità mar-rakkomandazzjoni fiskali indirizzat lill-Italja mill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2018 u talbet sottomissjoni mill-ġdid ta' abbozz ta' pjan baġitarju rivedut. Fit-13 ta' Novembru 2018, l-Italja ressqet abbozz kemxejn rivedut ta' pjan baġitarju, li l-miri fiskali tiegħu madankollu baqgħu l-istess meta mqabblin mal-verżjoni oriġinali, inkluż id-deterjorament strutturali sinifikanti previst għall-2019.

Fil-21 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni adottat l-Opinjoni tagħha dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju rivedut tal-Italja għall-2019 [30], li tikkonferma r-riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament għall-objettiv baġitarju ta' terminu medju rrakkomandat mill-Kunsill għall-2018 u n-nuqqas ta' konformità partikolarment serju mar-rakkomandazzjoni fiskali għall-2019 abbażi ta' kemm il-pjanijiet tal-gvern kif ukoll it-tbassir tal-ħarifa 2018 tal-Kummissjoni. Din il-konklużjoni tiġġustifika valutazzjoni ġdida mill-Kummissjoni tan-nuqqas ta' konformità *prima facie* tal-Italja mal-kriterju tad-dejn fl-2017.

---

[28] Ir-Rapport tal-Kummissjoni COM(2018) 428 final tat-23.5.2018. "L-Italja - Ir-Rapport imħejji prodott skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea".

[29] L-Opinjoni tal-Kummissjoni C (2018) 7510 final, tat-23.10.2018, dwar l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-Italja u t-talba lill-Italja biex tressaq Abbozz ta' Pjan Baġitarju rivedut.

[30] Opinjoni tal-Kummissjoni C (2018) 8030 final, tal-21.11.2018 dwar l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-Italja rivedut.

Fil-fatt, id-dejn gross ġenerali tal-gvern tal-Italja laħaq 131,2 % tal-PDG fl-2017, li kien ferm ogħla mill-punt ta' riferiment ta' 60 % tal-PDG tat-Trattat, u l-Italja ma kinitx konformi mal-punt ta' riferiment tat-tnaqqis tad-dejn fl-2017 abbażi ta' *data* dwar l-eżitu tal-baġit. Barra minn hekk, mhuwiex previst li l-Italja li tikkonforma mal-punt ta' riferiment tat-tnaqqis tad-dejn la fl-2018 u lanqas fl-2019, abbażi ta' kemm il-pjanijiet tal-Gvern kif ukoll it-tbassir tal-ħarifa 2018 tal-Kummissjoni. Dan jissuġġerixxi b'mod ċar li, qabel ma jiġu kkunsidrati l-fatturi rilevanti kollha, il-kriterju tad-dejn kif definit fit-Trattat ma jidhirx li qed jiġi ssodisfat *prima facie* mill-Italja. B'konformità mat-Trattat, dan ir-rapport jeżamina l-fatturi rilevanti.

B'mod partikolari, filwaqt li l-Italja kienet ivvalutata li għamlet xi progress biex tindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2017 mitlub minnha mill-Kunsill, il-miżuri inklużi fl-abbozz ta' pjan baġitarju rivedut għall-2019 jindikaw riskju ta' pass lura fuq ir-riformi adottati f'konformità mar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż tal-passat, kif ukoll rigward aspetti fiskali strutturali tal-aħħar rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Italja mill-Kunsill. Fost oħrajn, filwaqt li l-Kunsill irrakkomanda li l-Italja jenħtieġ li tnaqqas is-sehem tal-pensjonijiet tax-xjuħija fl-infiq pubbliku tagħha sabiex jinħoloq spazju għal infiq soċjali oħra, il-possibbiltà għal irtirar kmieni li ġiet introdotta riċentement tmur lura rigward ir-riformi tal-pensjonijiet preċedenti li jirfdu s-sostenibbiltà fit-tul tad-dejn pubbliku mdaqqas tal-Italja. Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' amnestija tat-taxxa tista' tiskoraġġixxi l-konformità mat-taxxa. B'mod ġenerali, l-abbozz ta' pjan baġitarju rivedut għall-2019 ma jipprevedix miżuri effettivi biex jiġi indirizzat it-tkabbir potenzjali kajman tal-Italja u, b'mod partikolari, l-istaġnar tagħha fit-tul tal-produttività. B'mod partikolari, il-possibbiltà għal irtirar bikri jista' jkollha impatt negattiv fuq il-provvista tal-ħaddiema. Barra minn hekk, il-miżuri ġodda li ġew introdotti riċentement li jżidu t-tassazzjoni fuq il-banek, flimkien mal-impatt ta' żieda fir-rendimenti sovrani jistgħu jfixklu l-provvista tal-kreditu. Abbażi ta' dan, l-impatt tat-tkabbir tal-miżuri ta' politika li fuqhom jibbaża l-abbozz ta' pjan baġitarju għall-2019 jista' jkun iżgħar milli previst mill-gvern anki fuq perjodu ta' żmien qasir.

Fl-aħħar nett, filwaqt li l-valutazzjoni *ex-post* tal-konformità tal-Italja mal-parti preventiva li saret f'Mejju 2018 kienet tindika konformità wiesgħa mal-perkors ta' aġġustament irrakkomandat lejn l-OTM fl-2017, ladarba titqies il-flessibbiltà mogħtija mill-Kummissjoni għal ċirkostanzi mhux tas-soltu, valutazzjoni ġenerali abbażi ta' kemm il-pjanijiet tal-gvern kif ukoll it-tbassir tal-ħarifa 2018 tal-Kummissjoni juri li hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament għall-objettiv baġitarju ta' terminu medju rrakkomandat mill-Kunsill għall-2018 u nuqqas ta' konformità partikolarment serju għall-2019. Din il-konklużjoni ma tinbidilx, anki jekk l-impatt baġitarju (madwar 0,2 % tal-PDG) tal-programm straordinarju ta' manutenzjoni tan-netwerk tat-toroq u l-konnessjonijiet wara li waqa' l-pont Morandi f'Ġenova u ta' pjan preventiv biex jiġu limitati r-riskji idroġeoloġiċi l-kundizzjonijiet avversi tat-temp ġew ikkunsidrati, għall-finijiet tal-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97, bħala ċirkostanzi mhux tas-soltu barra mill-kontroll tal-gvern u jitnaqqas mir-rekwiżit tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

L-analiżi ppreżentata f'dan ir-rapport tinkludi l-valutazzjoni tal-fatturi rilevanti kollha u b'mod partikolari: (i) il-fatt li l-kundizzjonijiet makroekonomiċi minkejja l-fatt li r-riskji negattivi żdiedu riċentement, ma jistax jintuża bħala argument biex jiġu spjegati d-differenzi kbar tal-Italja lejn konformità mal-punt ta' riferiment għat-tnaqqis tad-dejn, fl-isfond ta' tkabbir nominali tal-PDG ogħla minn 2 % mill-2016; (ii) il-fatt li l-pjanijiet tal-gvern jimplikaw pass lura fuq ir-riformi strutturali li jsaħħu t-tkabbir, b'mod partikolari r-riformi tal-pensjonijiet tal-passat; u fuq kollox (iii) ir-riskju identifikat ta' devjazzjoni sinifikanti mill-

perkors ta' aġġustament irrakkomandat għall-objettiv baġitarju fuq terminu medju fl-2018 u n-nuqqas ta' konformità partikolarment serju għall-2019 mar-rakkomandazzjoni indirizzata lill-Italja mill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2018, abbażi ta' kemm il-pjanijiet tal-gvern kif ukoll it-tbassir tal-ħarifa 2018 tal-Kummissjoni. B'mod ġenerali, l-analiżi tissuġġerixxi li l-kriterju tad-dejn kif definit fit-Trattat u fir-Regolament (KE) Nru 1467/1997 jenħtieġ li jitqies li ma ġiex issodisfat, u li proċedura ta' defiċit eċċessiv ibbażata fuq id-dejn hija għalhekk ġustifikata.